

ANNESS I

SOMMARJU TAL-KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTT

1. ISEM IL-PRODOTT MEDIĊINALI

Ivabradine Anpharm 5 mg pilloli miksija b'rita.

Ivabradine Anpharm 7.5 mg pilloli miksija b'rita.

2. GĦAMLA KWALITATTIVA U KWANTITATTIVA

Ivabradine Anpharm 5 mg pilloli miksija b'rita.

Kull pillola miksija b'rita fiha 5 mg ivabradine (bħala hydrochloride)

Eċċipjent b'effett magħruf:

Kull pillola miksija b'rita fiha 63.91 mg lactose monohydrate.

Ivabradine Anpharm 7.5 mg pilloli miksija b'rita.

Kull pillola miksija b'rita fiha 7.5 mg ivabradine (bħala hydrochloride)

Eċċipjent b'effett magħruf:

Kull pillola miksija b'rita fiha 61.215 mg lactose monohydrate.

Għal-lista sħiħa ta' eċċipjenti, ara sezzjoni 6.1.

3. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA

Pillola miksija b'rita.

Ivabradine Anpharm 5 mg pilloli miksija b'rita.

Pillola miksija b'rita, kulur is-salamun, oblunga (twila 8.5 mm, wiesgħa 4.5 mm), b'sinjal imnaqqax fuq żewġ naħat, imnaqqxa b'"5" fuq naħa waħda u b' "S" fuq in-naħa l-oħra. Il-pillola tista' tinqasam f'dożi indaqs.

Ivabradine Anpharm 7.5 mg pilloli miksija b'rita.

Pillola miksija b'rita, kulur is-salamun, triangolari (7 mm x 7 mm x 7 mm), imnaqqxa b'"7.5" fuq naħa waħda u b'"S" fuq in-naħa l-oħra.

4. TAGĦRIF KLINIKU

4.1 Indikazzjonijiet terapewtiċi

Kura sintomatika ta' angina pectoris kronika stabbli

Ivabradine huwa indikat għall-kura tas-sintomi ta' angina pectoris kronika stabbli f'adulti b'mard tal-arterja koronarja b'ritmu sinusali normali u rata tat-taħbit tal-qalb ≥ 70 bpm. Ivabradine huwa indikat:

- f'adulti li ma jistgħux jittolleraw jew li għandhom kontraindikazzjoni għall-użu ta' beta-blockers
- jew f'kombinazzjoni ma' beta-blockers f'pazjenti li mhumiex ikkontrollati adegwatament b'doża ottimali ta' beta-blocker.

Kura ta' insuffiċjenza kronika tal-qalb

Ivabradine huwa indikat f'insuffiċjenza kronika tal-qalb tal-klassi NYHA II sa IV b'disfunzjoni sistolika, f'pazjenti adulti b'ritmu regolari normali u li r-rata ta' qalbhom hija ≥ 75 bpm, flimkien ma' terapija standard inkluż terapija beta-blocker jew meta terapija beta-blocker tkun kontra-indikata jew mhux tollerata (ara sezzjoni 5.1).

4.2 Pożoloġija u metodu ta' kif għandu jingħata

Pożoloġija

Kura sintomatika ta' angina pectoris kronika stabbli

Huwa rakkomandat li d-deċiżjoni li tinbeda jew tiġi titrata l-kura tittieħed bid-disponibbiltà ta' kejl serjali tar-rata tat-taħbit tal-qalb, ECG jew monitoraġġ ambulatorju ta' 24 siegħa.

Id-doża tal-bidu ta' ivabradine ma għandhiex taqbeż 5 mg darbtejn kuljum f'pazjenti li għandhom inqas minn 75 sena. Wara tlieta sa erba' ġimgħat ta' kura, jekk il-pazjent ikun għadu sintomatiku, jekk id-doża tal-bidu hija ttollerata sew u jekk ir-rata tat-taħbit tal-qalb fi stat mistrieħ tibqa' iktar minn 60 taħbita kull minuta (bpm), id-doża tista' tiżdied għad-doża oġġla li jmiss f'pazjenti li jkunu qegħdin jirċievu 2.5 mg darbtejn kuljum jew 5 mg darbtejn kuljum. Id-doża ta' manteniment ma għandhiex taqbeż 7.5 mg darbtejn kuljum.

Jekk ma jkun hemm ebda titjib fis-sintomi tal-angina fi żmien 3 xhur wara li tinbeda l-kura, il-kura b'ivabradine għandha titwaqqaf.

Barra minn hekk, għandu jiġi kkunsidrat li titwaqqaf il-kura jekk ikun hemm rispons sintomatiku limitat biss u meta ma jkun hemm ebda tnaqqis klinikament rilevanti fir-rata tat-taħbit tal-qalb fi żmien tliet xhur.

Jekk waqt il-kura, it-taħbit tal-qalb jonqos b'inqas minn 50 bpm fi stat mistrieħ jew jekk il-pazjent iħoss sintomi relatati ma' bradikardija bħal sturdament, għeja jew ipotensjoni, id-doża għandha titnaqqas bil-qies li tinkludi d-doża l-aktar baxxa ta' 2.5 mg darbtejn kuljum (nofs pillola ta' 5 mg darbtejn kuljum). Wara t-tnaqqis fid-doża, ir-rata tat-taħbit tal-qalb għandha tiġi ssorveljata (ara sezzjoni 4.4). Il-kura trid titwaqqaf jekk it-taħbit tal-qalb jibqa' inqas minn 50 bpm jew jekk is-sintomi ta' bradikardija jipersistu minkejja tnaqqis fid-doża.

Kura ta' insuffiċjenza kronika tal-qalb

Il-kura għandha tinbeda biss f'pazjent b'insuffiċjenza stabbli tal-qalb. Huwa rakkomandat li t-tabib kuranti għandu jkollu esperjenza fil-ġestjoni ta' insuffiċjenza kronika tal-qalb.

Id-doża tal-bidu ta' ivabradine li normalment hija rakkomandata hi 5 mg darbtejn kuljum. Wara ġimgħtejn ta' kura, id-doża tista' tiżdied għal 7.5 mg darbtejn kuljum jekk ir-rata tal-qalb waqt il-mistrieħ tkun persistentement oġġla minn 60 bpm jew titnaqqas għal 2.5 mg darbtejn kuljum (nofs pillola waħda ta' 5 mg darbtejn kuljum) jekk ir-rata tal-qalb waqt il-mistrieħ tkun persistentement inqas minn 50 bpm jew fil-każ ta' sintomi relatati ma' bradikardija bħal sturdament, għeja jew pressjoni baxxa. Jekk ir-rata tal-qalb tkun bejn 50 u 60 bpm, għandha tinżamm id-doża ta' 5 mg darbtejn kuljum.

Jekk waqt il-kura, ir-rata tal-qalb tonqos b'mod persistenti għal taħt 50 bpm waqt il-mistrieħ jew il-pazjent jesperjenza sintomi relatati ma' bradikardija, id-doża trid tiġi titrata 'l isfel għad-doża aktar baxxa li jmiss f'pazjenti li jirċievu 7.5 mg darbtejn kuljum jew 5 mg darbtejn kuljum. Jekk ir-rata tal-qalb tiżdied b'mod persistenti 'l fuq minn 60 bpm waqt il-mistrieħ, id-doża tista' tiġi titrata 'l fuq għad-doża aktar għolja li jmiss f'pazjenti li jkunu qegħdin jirċievu 2.5 mg darbtejn kuljum jew 5 mg darbtejn kuljum.

Il-kura trid titwaqqaf jekk ir-rata tal-qalb tibqa' taħt 50 bpm jew jekk jipersistu s-sintomi ta' bradikardija (ara sezzjoni 4.4).

Popolazzjonijiet speċjali

Anzjani

F'pazjenti ta' > 75 sena, doża mnaqqsa għandha tiġi kkunsidrata fil-bidu tal-kura (2.5 mg darbtejn kuljum i.e. nofs pillola ta' 5 mg darbtejn kuljum) qabel ma d-doża tiżdied bil-qies jekk ikun hemm bżonn.

Indeboliment renali

Mhemmx bżonn ta' aġġustar tad-doża f'pazjenti li jbatu minn insuffiċjenza renali u minn tneħħija tal-krejinina ta' iktar minn 15 mL/min (ara sezzjoni 5.2).

Mhemmx informazzjoni dwar pazjenti li għandhom tneħħija tal-krejinina ta' inqas minn 15 mL/min. Minħabba f'hekk ivabradine għandu jintuża bi prekawzjoni f'dawn in-nies.

Indeboliment tal-fwied

Mhemmx bżonn ta' aġġustar tad-doża f'pazjenti li jbatu minn indeboliment ħafif tal-fwied. Għandhom jittieħdu prekawzjonijiet f'pazjenti li jbatu minn indeboliment moderat tal-fwied meta jkunu qed jieħdu ivabradine.

L-użu ta' ivabradine huwa kontraindikatur f'pazjenti li jbatu minn indeboliment qawwi tal-fwied, minħabba li għadu ma ġiex studjat f'dawn in-nies u hija mistennija żieda kbira fil-kxi sistemiku (ara sezzjoni 4.3 u 5.2).

Popolazzjoni pedjatrika

Is-sigurtà u l-effikaċja ta' ivabradine fit-tfal taħt it-18-il sena ma ġewx determinati s'issa.

Data disponibbli għat-trattament ta' insuffiċjenza kardijaka kronika hija deskritta fis-sezzjonijiet 5.1 u 5.2 iżda ma tista' ssir l-ebda rakkomandazzjoni dwar pożoloġija.

M'hemmx l-ebda data disponibbli għal trattament sintomatiku ta' angina pectoris kronika stabbli.

Metodu ta' kif għandu jingħata

Il-pilloli għandhom jittieħdu mill-ħalq darbtejn kuljum, jiġifieri darba filgħodu u darba filgħaxija waqt l-ikel (ara sezzjoni 5.2).

4.3 Kontraindikazzjonijiet

- Sensittività eċċessiva għas-sustanza attiva jew għal kwalunkwe sustanza mhux attiva elenkata fis-sezzjoni 6.1
- Rata tat-taħbit tal-qalb mistrieħa ta' inqas minn 70 bpm qabel il-kura
- Xokk kardjoġeniku
- Infart mijokardjaku akut
- Ipotensjoni severa (< 90/50 mmHg)
- Indeboliment sever tal-fwied
- Sindromu *sick sinus*
- Imblokk sino-atrijali
- Insuffiċjenza tal-qalb instabbli jew akuta
- Pazjenti dipendenti fuq pace maker (ir-rata tal-qalb imposta esklussivament mill-pacemaker)
- Angina instabbli
- Imblokk AV tat-3 grad
- Użu flimkien ma' impedituri taċ-ċitokromu qawwi P450 3A4 bħal mediċini kontra l-funġi tat-tip azole (ketoconazole, itraconazole), antibijotiċi tat-tip macrolide (clarithromycin, erythromycin *per os*, josamycin, telithromycin), impedituri HIV protease (nelfinavir, ritonavir) u nefazodone (ara sezzjoni 4.5 u 5.2)
- Użu flimkien ma' verapamil jew diltiazem li huma inibituri moderati ta' CYP3A4 bi proprjetajiet ta' tnaqqis fir-rata tat-taħbit tal-qalb (ara sezzjoni 4.5)
- Tqala, treddiġ u nisa li jista' jkollhom it-tfal li ma jużawx miżuri ta' kontraċezzjoni xierqa (ara sezzjoni 4.6)

4.4 Twissijiet speċjali u prekawzjonijiet għall-użu

Nuqqas ta' benefiċċju mill-eżitu kliniku f'pazjenti b'angina pectoris sintomatika kronika stabbli

Ivabradine huwa indikat għall-kura sintomatika ta' angina pectoris kronika stabbli peress li ivabradine ma għandu ebda benefiċċju fuq eżiti kardjovaskulari, eż. infart mijokardijaku jew mewta kardjovaskulari (ara sezzjoni 5.1).

Kejl tar-rata ta' taħbit tal-qalb

Minħabba li r-rata tat-taħbit tal-qalb tista' tvarja b'mod konsiderevoli maż-żmien għandu jiġi kkunsidrat il-kejl serjali tar-rata tat-taħbit tal-qalb, ECG jew monitoraġġ ambulatorju fuq 24 siegħa meta tiġi ddeterminata r-rata tat-taħbit tal-qalb fi stat mistrieħ qabel tinbeda l-kura b'ivabradine u f'pazjenti kkurati b'ivabradine meta tiġi kkunsidrata titrazzjoni. Dan japplika wkoll għal pazjenti b'rata baxxa tat-taħbit tal-qalb, b'mod partikolari meta r-rata tat-taħbit tal-qalb tinżel għal taħt 50 bpm, jew wara tnaqqis fid-doża (ara sezzjoni 4.2).

Arritmiji kardijaċi

Ivabradine m'huwiex effikaċi fil-kura jew prevenzjoni ta' aritmiji kardijaċi u bl-istess mod jitlef l-effikaċja tiegħu meta sseħħ taki-aritmija (eż. takikardija ventrikulari jew supraventrikulari). Minħabba f'hekk ivabradine m'huwiex irrakkomandat f'pazjenti li jbatu minn fibrillazzjoni atrijsjali jew xi aritmiji kardijaċi oħra li jinterferixxu mal-funzjoni ta' *sinus node*. F'pazjenti kkurati b'ivabradine, hemm riskju akbar li tiġi żviluppata fibrillazzjoni atrijsjali (ara sezzjoni 4.8). Il-fibrillazzjoni atrijsjali kienet aktar komuni f'pazjenti li użaw ukoll amiodarone jew anti-aritmjiċi qawwija tal-klassi I fl-istess ħin. Huwa rakkomandat monitoraġġ kliniku u regolari f'pazjenti li qegħdin jieħdu ivabradine minħabba r-riskju ta' fibrillazzjoni atrijsjali (parossiżmali jew sostnuta). Dan għandu wkoll jinkludi monitoraġġ bl-ECG jekk huwa klinikament indikat (eż. f'każ ta' angina eżasperata, palpitazzjonijiet, u polz irregolari). Il-pazjenti għandhom jiġu infurmati dwar is-sinjali u s-sintomi ta' fibrillazzjoni atrijsjali u għandhom jingħataw il-parir biex jikkuntattjaw lit-tabib tagħhom jekk dawn isseħħu.. Jekk matul il-kura tiżviluppa fibrillazzjoni atrijsjali, il-bilanċ tal-benefiċċji u r-riskji ta' kura kontinwa b'ivabradine għandu jiġi kkunsidrat mill-ġdid b'attenzjoni. Il-pazjenti li jkollhom insuffiċjenza kronika tal-qalb b'difetti fil-konduzzjoni intraventrikulari (imblokk fil-bundle branch tax-xellug, imblokk fil-bundle branch tal-lemin) u dissinkronija ventrikulari għandhom jiġu mmonitorjati mill-qrib.

Użu f'pazjenti b'imblokk AV tat-2 grad

Ivabradine m'huwiex rakkomandat f'pazjenti b'imblokk AV tat-2 grad.

Użu f'pazjenti b'rata tat-taħbit tal-qalb baxxa

Ivabradine m'għandux jinbeda f'pazjenti li qabel il-kura jkollhom rata tat-taħbit tal-qalb waqt il-mistrieħ ta' inqas minn 70 bpm (ara sezzjoni 4.3). Jekk waqt il-kura ir-rata tat-taħbit tal-qalb mistrieħa tonqos b'mod persistenti għal inqas minn 50 bpm jew jekk il-pazjent iħoss xi sintomi relatati ma' bradikardija bħal sturdament, għeja kbira jew ipotensjoni, id-doża għandha titnaqqas jew il-kura għandha titwaqqaf jekk ir-rata tat-taħbit tal-qalb tkun inqas minn 50 bpm jew sintomi ta' bradikardija jippersistu (ara sezzjoni 4.2).

Użu flimkien ma' imblokkaturi tal-kanal tal-kalċju

L-użu ta' ivabradine huwa kontraindikatur flimkien ma' calcium *channel blockers* li jbaxxu r-ritmu tat-taħbit tal-qalb bħal verapamil jew diltiazem (ara sezzjoni 4.3 u 4.5). Ma deherx li ivabradine flimkien ma' nitrates u ma' dihydropyridine calcium *channel blockers* bħal amlodipine jagħmel ħsara.

Ivabradine flimkien ma' dihydropyridine calcium *channel blockers* ma jidhirx li kellu effikaċja addizzjonali.

Insuffiċjenza kronika tal-qalb

L-insuffiċjenza tal-qalb trid tkun stabbli qabel ma tiġi kkunsidrata l-kura b'ivabradine. Ivabradine għandu jintuża b'kawtela f'pazjenti b'insuffiċjenza tal-qalb bi klassifikazzjoni funzjonali IV tan-NYHA minħabba l-ammont limitat ta' dejta f'din il-popolazzjoni.

Attakk ta' puplesija

L-użu ta' ivabradine mhuwiex irrakkomandat minnufih wara attakk ta' puplesija għax mhemmx informazzjoni f'każijiet bħal dawn.

Funzjoni viżwali

Ivabradine jinfluwenza l-funzjoni retinali. M'hemmx evidenza li l-kura b'ivabradine fit-tul għandha effett tossiku fuq ir-retina (ara sezzjoni 5.1). Wieħed għandu jikkunsidra jekk titwaqqafx il-kura kemm-il darba jkun hemm deterjorament mhux mistenni fil-funzjoni visuali. Wieħed għandu joqgħod attent f'pazjenti li jbatu minn retinitis pigmentosa.

Pazjenti li jbatu minn pressjoni baxxa

Mhemmx informazzjoni biżżejjed dwar pazjenti li jbatu minn pressjoni baxxa, ħafifa jew moderata u għalhekk ivabradine għandu jintuża b'attenzjoni f'dawn il-pazjenti. Ivabradine hu kontraindikata f'pazjenti b'ipotensjoni severa (pressjoni < 90/50 mm Hg) (ara sezzjoni 4.3).

Fibrillazzjoni ta' l-atriju - Aritmija kardijaka

Mhemmx evidenza ta' riskju ta' bradikardija (eċċessiva) mar-ritorn għal *sinus rhythm* meta l-kardjoverżjoni farmakoloġika tinbeda f'pazjenti li qed jieħdu ivabradine. Iżda peress li mhemmx informazzjoni estensiva wieħed għandu jikkunsidra kardjoverżjoni-DC mhux urġenti 24 siegħa wara l-aħħar doża ta' ivabradine.

Użu f'pazjenti li jbatu minn sindromi QT konġenitali jew li qegħdin jieħdu kura bi prodotti mediċinali li jtawwlu l-QT

L-użu ta' ivabradine f'pazjenti li jbatu minn sindromu QT konġenitali jew li qegħdin jieħdu kura bi prodotti mediċinali li jtawwlu l-QT għandu jiġi evitat (ara sezzjoni 4.5). Jekk l-użu ta' dawn il-mediċini f'daqqa jkun jidher neċessarju, għandu jiġi kkunsidrat monitoraġġ kardijaku mill-viċin. Tnaqqis fir-rata tat-taħbit tal-qalb, kif ikkawżat b'ivabradine, jista' jħarrex it-titwil tal-QT, li jista' jagħti bidu għal aritmiji severi, b'mod partikolari Torsade de pointes.

Pazjenti bi pressjoni għolja li jkunu jeħtieġu modifiki fil-kura tal-pressjoni tad-demm

Meta jsiru modifiki tal-kura f'pazjenti b'insuffiċjenza kronika tal-qalb ikkurati b'ivabradine, il-pressjoni tad-demm tagħhom għandha tiġi mmonitorjata f'intervall xieraq (ara sezzjoni 4.8).

Eċċipjenti

Dan il-prodott mediċinali fih il-lactose. Pazjenti bi problemi ereditarji rari ta' intolleranza ta' galactose, defiċenzja ta' lactase totali jew assorbiment ħażin ta' glucose-galactose m'għandhomx jieħdu dan il-prodott mediċinali.

4.5 Interazzjoni ma' prodotti mediċinali oħra u forom oħra ta' interazzjoni

Interazzjonijiet farmakodinamiċi

L-użu flimkien mhux irrakkamandat

Mediċini li jtawwlu l-QT

- Mediċini kardjovaskulari li jtawwlu l-QT (eż. quinidine, disopyramide, bepridil, sotalol, ibutilide, amiodarone).
- Mediċini mhux kardjovaskulari li jtawwlu l-QT (eż. pimozone, ziprasidone, sertindole, mefloquine, halofantrine, pentamidine, cisapride, erythromycin ġol-vini).

L-użu flimkien ta' mediċini kardjovaskulari u mediċini mhux kardjovaskulari ma' ivabradine għandu jiġi evitat għax it-titwil tal-QT jista' jiżdied b'nuqqas fir-rata tat-taħbit tal-qalb.

Jekk jidher li l-użu flimkien huwa neċessarju, ikun hemm bżonn ta' monitoraġġ kardjaku bir-reqqa (ara sezzjoni 4.4).

Użu konkomittanti bi prekawzjoni

Dijuretiċi li jnaqqsu l-potassju (dijuretiċi thiazidici u dijuretiċi loop)

L-ipokalemija tista' żżid ir-riskju ta' aritmija. Minħabba li ivabradine jista' jikkawża bradikarja, il-kombinazzjoni li tirriżulta ta' ipokalemija u bradikarja hija fattur ta' predispożizzjoni għall-feġġa ta' aritmiji severi b'mod speċjali f'pazjenti b'sindromu QT twil, kemm jekk konġenitali kif ukoll jekk indotti minn sustanza.

Interazzjonijiet farmakokinetiċi

Ivabradine jiġi metabolizzat b'CYP3A4 biss u hu impeditur dgħajef ħafna ta' dan iċ-ċitokromu. Ivabradine ma jinfluwenzax il-metaboliżmu u l-konċentrazzjoni fil-plażma ta' sustanzi oħra li fuqhom jaħdem CYP3A4 (impedituri dgħajfa, moderati u qawwija). L-impedituri u s-sustanzi li jġiegħlu CYP3A4 jaħdmu iżjed jista' jkollhom interazzjoni ma' ivabradine u jinfluwenzaw il-metaboliżmu u l-farmakokinetika tiegħu b'mod klinikament sinifikanti. Studji fuq interazzjoni wrew li l-impedituri ta' CYP3A4 iżidu l-konċentrazzjoni tal-plażma ta' ivabradine waqt li l-indutturi jnaqqsuha. Żieda fil-konċentrazzjoni tal-plażma ta' ivabradine tista' tiġi assoċjata mar-riskju ta' bradikardija eċċessiva (ara sezzjoni 4.4).

Kontraindikazzjonijiet għall-użu flimkien

Impedituri qawwija ta' CYP3A4

L-użu flimkien ta' impedituri qawwija ta' CYP3A4 bħal antifungali ta' tip azole (ketoconazole, itraconazole), antibijotiċi makrolidi (clarithromycin, erythromycin *per os*, josamycin, telithromycin), impedituri tal-HIV protease (nelfinavir, ritonavir) u nefazodone huwa kontraindikat (ara sezzjoni 4.3). L-impedituri qawwija ta' CYP3A4 ketoconazole (200 mg darba kuljum) u josamycin (1g darbtejn kuljum) żiedu l-esponiment medju fil-plażma ta' ivabradine minn 7 għal 8 darbiet.

Impedituri ta' CYP3A4 moderati

Studji speċifiċi ta' interazzjoni fuq voluntiera b'saħħithom u f'pazjenti wrew li l-użu flimkien ta' ivabradine mal-mediċini li jnaqqsu r-rata tat-taħbit tal-qalb diltiazem jew verapamil irriżulta f'żieda fl-esponiment għal ivabradine (żieda minn 2 sa 3 darbiet fl-AUC) u nuqqas addizzjonali fir-ritmu tat-taħbit tal-qalb ta' 5 bpm. L-użu flimkien ta' ivabradine ma' dawn il-prodotti mediċinali huwa kontraindikat (ara sezzjoni 4.3).

L-użu flimkien mhux irrakkomandat

L-esponiment ta' ivabradine irdoppja meta ngħata flimkien mal-meraq tal-grejpfrut. Għalhekk wieħed għandu jevita li jieħu l-meraq tal-grejpfrut.

Impedituri ta' CYP3A4 moderati

L-użu ta' ivabradine flimkien ma' impedituri ta' CYP3A4 moderati (eż. fluconazole) jista' jiġi kkunsidrat b'doża tal-bidu ta' 2.5 mg darbtejn kuljum u jekk ir-rata tat-taħbit tal-qalb mistrieħa hija ogħla minn 70 bpm, hemm bżonn li l-pazjent ikun taħt monitoraġġ minħabba ir-rata tat-taħbit tal-qalb.

Mediċini li jġiegħlu CYP3A4 jaħdem iżjed

Mediċini li jġiegħlu CYP3A4 jaħdem iżjed (eż. rifampicin, barbiturates, phenytoin, *Hypericum perforatum* [St. John's Wort]) jistgħu jnaqqsu l-esponiment u l-attività ta' ivabradine. L-użu ta' mediċini li jġiegħlu CYP3A4 jaħdem iżjed jista' jirrikjedi aġġustar tad-doża ta' ivabradine. L-użu ta' ivabradine 10 mg darbtejn kuljum flimkien ma' St. John's Wort wera li jnaqqas b'nofs l-AUC ta' ivabradine. Għandu jiġi limitat it-teħid ta' St. John's Wort waqt il-kura b'ivabradine.

Użu flimkien ieħor

Studji speċifiċi ta' interazzjoni wrew li m'hemm l-ebda effett klinikament sinifikanti tal-prodotti mediċinali msemmija hawn taħt fuq il-farmakokinetika u l-farmakodinamika ta' ivabradine: impedituri proton pump (omeprazole, lansoprazole), sildenafil, impedituri HMG CoA reductase (simvastatin), dihydropyridine calcium *channel blockers* (amlodipine, lacidipine), digoxin u warfarin. Barra minn hekk, ma kienx kemm effett klinikament sinifikanti ta' ivabradine fuq il-farmakokinetika ta' simvastatin, amlodipine, lacidipine fuq il-farmakokinetika u l-farmakodinamika ta' digoxin, warfarin u fuq il-farmakodinamika ta' aspirin.

F'fażi pivotali III tal-provi kliniċi, il-prodotti mediċinali msemmija hawn taħt ingħataw bħas-soltu flimkien ma' ivabradine mingħajr l-ebda evidenza ta' biża fuq is-sigurtà: impedituri angiotensin converting enzemi, antagonisti angiotensin II, imblokkaturi tar-riċetturi beta, diuretiċi, sustanzi kontra l-aldoosterone agents, nitrates li jaħdmu fil-qosor u fit-tul, impedituri HMG CoA reductase, fibrates, impedituri proton pump, antidijabetiċi orali, aspirin u prodotti mediċinali oħra anti-platelet.

Popolazzjoni pedjatrika

Studji ta' interazzjoni twettqu biss f'adulti.

4.6 Fertilità, tqala u treddigħ

Nisa li jista' jkollhom it-tfal

Nisa li jista' jkollhom it-tfal għandhom jużaw miżuri ta' kontraċezzjoni xierqa waqt il-kura (ara sezzjoni 4.3).

Tqala

M'hemm tagħrif biżżejjed dwar l-użu ta' ivabradine waqt it-tqala.

Studji f'animali urew effett tossiku fuq is-sistema riproduttiva. Dawn l-istudji urew effetti ħżiena fuq it-tqala u/jew fuq il-fetu/tarbija tat-twelid (ara sezzjoni 5.3). Mhux magħruf ir-riskju potenzjali fuq in-nies. Għaldaqstant, ivabradine mhuwiex indikat sabiex jintuża waqt tqala (ara sezzjoni 4.3).

Treddigħ

Studji fuq l-animali wrew li ivabradine jgħod li jgħod fil-ħalib tas-sider. Għalhekk ivabradine huwa kontraindikata waqt it-treddigħ (ara sezzjoni 4.3).

Nisa li jeħtieġu kura b'ivabradine għandhom iwaqqfu t-treddigħ u għandhom jagħżlu mod ieħor kif jitimgħu lit-tifel/tifla tagħhom.

Fertilità

Studji fuq firien ma urew ebda effett fuq il-fertilità fl-irġiel u fin-nisa (ara sezzjoni 5.3).

4.7 Effetti fuq il-ħila biex issuq u tħaddem magni

Ivabradine m'għandu l-ebda effett jew ftit li xejn għandu effett fuq il-ħila biex issuq u tħaddem magni. Studju speċifiku li sar fuq voluntiera f'saħħithom biex isir magħruf x'effett għandu ivabradine waqt is-sewqan wera li m'għandu l-ebda effett. Madankollu, fl-esperjenza ta' wara t-tqegħid fis-suq, kienu rrapportati każijiet ta' indeboliment tal-ħila biex issuq minħabba sintomi viżwali. Ivabradine jista' jikkaġuna fenomeni mudwali temporanji l-aktar bħal ċrieki ta' dawl. (ara sezzjoni 4.8). Wieħed għandu jikkunsidra dawn il-fenomeni waqt is-sewqan jew waqt it-tħaddim ta' magni speċjalment meta jkun hemm varjazzjoni fil-qawwa tad-dawl l-aktar waqt sewqan bil-lejl.

4.8 Effetti mhux mixtieqa

Sommarju tal-profil tas-sigurtà

L-aktar reazzjonijiet avversi komuni b'ivabradine huma fenomeni mudwali (ċrieki ta' dawl) (14.5%) u bradikardja (3.3%). Dawn jiddependu mid-doża u relatati mal-effett farmakoloġiku tal-prodott medikinali.

Lista tabulata tar-reazzjonijiet avversi

Ir-reazzjonijiet avversi li ġejjin ġew irrapportati waqt provi kliniċi u huma kklassifikati bl-użu ta' din il-frekwenza: komuni ħafna ($\geq 1/10$); komuni ($\geq 1/100$ sa $< 1/10$); mhux komuni ($\geq 1/1000$ sa $< 1/100$); rari ($\geq 1/10000$ sa $< 1/1000$); rari ħafna ($< 1/10000$); mhux magħruf (ma tistax tittieħed stima mid-data disponibbli).

Sistema ta' klassifika tal-organi	Frekwenza	Terminu ppreferut
Disturbi tad-demem u tas-sistema limfatika	Mhux komuni	Eosinofilja
Disturbi fil-metaboliżmu u n-nutrizzjoni	Mhux komuni	Iperuricemia
Disturbi fis-sistema nervuża	Komuni	Ugħigħ ta' ras, ġeneralment fl-ewwel xahar tal-kura
		Sturdament, possibbilment relatata ma' bradikardja
	Mhux komuni*	Sinkope, possibbilment relatata ma' bradikardja
Disturbi fl-ġhajnejn	Komuni ħafna	Fenomeni mudwali (ċrieki ta' dawl)
	Komuni	Viżta mċajpra
	Mhux komuni	Diplopja
		Indeboliment fil-vista
Disturbi fil-widnejn u fis-sistema labirintika	Mhux komuni	Vertigo
Disturbi fil-qalb	Komuni	Bradikardja
		Imblokk AV 1 grad (ECG prolongat fl-interval PQ)
		Żieda fl-extra sistoli ventrikulari
		Fibrillazzjoni atrijsjali
	Mhux komuni	Palpitazzjonijiet, żieda fl-extra sistoli supra ventrikulari, intervall tal-QT imtawwal tal-ECG
	Rari ħafna	Imblokk AV tat-2 ⁿⁱ grad, imblokk AV tat-3 ^{et} grad
		Sindrome tas-sick sinus

Sistema ta' klassifika tal-organi	Frekwenza	Terminu ppreferut
Disturbi vaskulari	Komuni	Pressjoni tad-demmm mhux ikkontrollata
	Mhux komuni*	Pressjoni baxxa, possibbilment relatata ma' bradikardija
Disturbi respiratorji, toraċiċi u medjastinali	Mhux komuni	Qtugħ ta' nifs
Disturbi gastro-intestinali	Mhux komuni	Nawsija
		Stitikezza
		Dijarrea
		Ugħigh ta' żaqq*
Disturbi fil-ġilda u fit-tessuti ta' taħt il-ġilda	Mhux komuni*	Anġjoedema
		Raxx
	Rari*	Eritema
		Prurite
Disturbi muskolu-skelettriċi u tat-tessuti konnettivi	Mhux komuni	Spażmi tal-muskoli
Disturbi fil-kliewi u fis-sistema urinaria	Mhux komuni	Kreatinina fid-demmm elevata
Disturbi ġenerali u kondizzjonijiet ta' mnejn jingħata	Mhux komuni*	Astenja, possibbilment relatata ma' bradikardija
		Għejja, possibbilment relatata ma' bradikardija
	Rari*	Telqa, possibbilment relatata ma' bradikardija

* Il-frekwenza hija kkalkolata minn provi kliniċi għal avvenimenti avversi mikxufin minn rapport spontanju

Deskrizzjoni ta' reazzjonijiet avversi magħżula

Fenomeni mudwali (ċrieki ta' dawl) ġew irrapportati minn 14.5% tal-pazjenti, jiddeskrivu luminożita qawwiya ta' dawl temporanju limitat fil-qasam viżiv. Is-soltu dawn jiġu kkawżati minn varjazzjoni f'daqqa ta' qawwa fid-dawl. Iċ-ċrieki ta' dawl jistgħu jiġu deskritti bħala li donnhom raġġiera, dekompożizzjoni tal-immaġni (effetti stroboskopici jew kalejdoskopici), dawl ikkuluriti qawwiya, jew immaġnijiet multipli (persistenza retinali). Ġeneralment iċ-ċrieki ta' dawl jibdwu jidhru fl-ewwel xahrejn tal-bidu tal-kura u wara jistgħu jingħad ripetutament. Iċ-ċrieki ta' dawl kienu fil-biċċa l-kbira rrapportati li huma ta' intensità moderata. Iċ-ċrieki ta' dawl kollha jgħaddu waqt jew wara l-kura, il-biċċa l-kbira tagħhom (77.5%) waqt il-kura. Inqas minn 1% tal-pazjenti biddlu r-rutina tagħhom ta' kuljum jew waqfu l-kura minħabba iċ-ċrieki ta' dawl.

Bradikardija ġiet irrapportata minn 3.3% tal-pazjenti l-aktar fl-ewwel 2 sa 3 xhur mill-bidu tal-kura. 0.5% tal-pazjenti kellhom bradikardija qawwiya taħt jew daqs 40 bpm.

Fl-istudju SIGNIFY, ġiet osservata fibrillazzjoni atrijali f'5.3% tal-pazjenti li kienu qed jieħdu ivabradine meta mqabbel ma' 3.8% fil-grupp tal-plaċebo. F'analiżi miġbura tal-provi kliniċi kkontrollati double blind ta' Fażi II/III b'durata ta' mill-inqas 3 xhur li jinkludu aktar minn 40,000 pazjent, l-inċidenza ta' fibrillazzjoni atrijali kienet ta' 4.86% f'pazjenti kkurati b'ivabradine meta mqabbel ma' 4.08 % fil-kontrolli, u dan jikkorrispondi għal proporzjon ta' periklu ta' 1.26, 95% CI [1.15-1.39].

Fil-prova SHIFT aktar pazjenti esperjenzaw episodji ta' żieda fil-pressjoni tad-demmm waqt li ġew ittrattati b'ivabradine (7.1%) meta mqabbel ma' pazjenti ttrattati bi plaċebo (6.1%). Dawn l-episodji seħħew l-aktar ftit wara li ġie modifikat it-trattament tal-pressjoni tad-demmm, kienu temporanji u ma affettwawx l-effett tat-trattament ta' ivabradine.

Rappurtar ta' reazzjonijiet avversi suspettati

Huwa importanti li jiġu rappurtati reazzjonijiet avversi suspettati wara l-awtorizzazzjoni tal-prodott mediċinali. Dan jippermetti monitoraġġ kontinwu tal-bilanċ bejn il-benefiċċju u r-riskju tal-prodott mediċinali. Il-professionisti tal-kura tas-saħħa huma mitluba jirrappurtaw kwalunkwe reazzjoni avversa suspettata permezz tas-sistema ta' rappurtar nazzjonali imniżżla f' [Appendiċi V](#).

4.9 Doża eċċessiva

Sintomi

Doża eċċessiva tista' twassal għal bradikardija severa u fit-tul (ara sezzjoni 4.8).

Ġestjoni

Bradikardija severa trid tiġi kkurata b'mod sintomatiku f'ambjent speċjalizzat. F'każ ta' bradikardija b'tolleranza emodinamika, kura sintomatika inkluż prodotti mediċinali beta stimulant fil-vina bħal isoprenaline tista' tiġi ikkunsidrata. Jista' jsir użu temporanju minn pacing tal-qalb bl-elettriku jekk jkun meħtieġ.

5. PROPRJETAJIET FARMAKOLOĠIĊI

5.1 Proprjetajiet farmakodinamiċi

Kategorija farmakoterapewtika: Terapija kardijaka, prodotti mediċinali oħra kardijaċi, Kodiċi ATC: C01EB17

Mekkaniżmu ta' azzjoni

Ivabradine hu prodott mediċinali li jnaqqas ir-rata tat-taħbit tal-qalb b'mod pur billi jimpedixxi b'mod selettiv u speċifiku l-pace maker b'kurrent I_f kardijaku li jikkontrolla d-depolarazzjoni diastolika spontanja fis-sinus node u jirregola r-rata tat-taħbit tal-qalb. L-effetti kardijaċi huma speċifiċi fuq is-sinus node b'ebda effett fuq il-ħin biex jgħaddi l-istimulu intra-atrijali, atrijuventrikulari jew intraventrikulari, la fuq it-tagħfis mijokardijaku u lanqas fuq ir-ripolarizzazzjoni ventrikulari.

Ivabradine jista' jkollu interazzjoni ma' kurrent I_H retinali li jixbaħ ħafna lil I_f kardijaku. Jieħu schem fit-tiswija temporanja tas-sistema viżiva billi jillimita r-rispons retinali għal stimoli għal dawl qawwi. F'każijiet li jikkawunaw dawn iċ-ċirkustanzi (eż. tibdil f'daqqa ta' luminożità), impedizzjoni parzjali ta' I_H b'ivabradine jispjega l-fenomeni mudwali li kultant jista' jkollu l-pazjent. Fenomeni mudwali (ċrieki tad-dawl) huma meqjusin bħala luminożità qawwiya ta' dawl temporanju f'parti limitata tal-qasam viżiv (ara sezzjoni 4.8).

Effetti farmakodinamiċi

Il-karatteristika farmakodinamika prinċipali ta' ivabradine fil-bniedem hija tnaqqis fir-rata tat-taħbit tal-qalb dipendenti minn doża speċifika. Analiżi ta' tnaqqis fir-rata tat-taħbit tal-qalb b'doża sa 20 mg darbtejn kuljum tindika tendenza lejn effett ta' plateau konsistenti ma' riskju inqas ta' bradikardija severa ta' inqas minn 40 bpm (ara sezzjoni 4.8).

B'dożi irrikmandati normalment, it-tnaqqis fir-rata tat-taħbit tal-qalb hu ta' madwar 10 bpm waqt il-mistrieħ u waqt l-eżerċizzju fiżiku. Dan iwassal għal tnaqqis fuq l-ammont ta' xogħol kardijaku u fuq il-konsum ta' ossiġinu mijokardijaku. Ivabradine m'għandux effett fuq il-ħin biex jgħaddi l-istimulu intrakardijaku, fuq il-kontrazzjoni (l-ebda effett negattiv inotropiku) u lanqas fuq ir-ripolarizzazzjoni ventrikulari:

- fi studji kliniċi elettrofiżjoloġiċi, ivabradine la kellu effett fuq il-ħin atrijuventrikulari jew intraventrikulari biex jgħaddi l-istimulu u lanqas fuq l-intervall QT ikkoreġut;

- f'pazjenti b'anomilija ventrikulari fuq ix-xellug (frazjoni ventrikulari li toħroġ mix-xellug (LVEF) bejn 30 u 45%), ivabradine ma kellu ebda influwenza ta' ħsara fuq LVEF.

Effikaċja klinika u sigurtà

L-effikaċja kontra l-angina u kontra l-iskemija ta' ivabradine ġiet studjata f'ħames provi randomised għamja doppji (tlieta versus plaċebo, wieħed versus atenolol u wieħed versus amlodipine). F'dawn il-provi ħadu sehem 4,111 pazjent b'angina pectoris kronika stabbli, li minnhom 2,617 ħadu ivabradine.

Deher li ivabradine 5 mg darbtejn kuljum kien effikaċi fuq il-parametri tat-test ta' eżerċizzju fiżiku wara 3-4 ġimgħat ta' kura. L-effikaċja ġiet ikkonfermata b'doża ta' 7.5 mg darbtejn kuljum. Benefiċċju ieħor ta' aktar minn 5 mg darbtejn kuljum għe stabbilit fi studju reference-controlled versus atenolol: it-tul ta' ħin ta' eżerċizzju żdied bi kważi minuta wara xahar ta' kura b'doża ta' 5 mg darbtejn kuljum u reġa' żdied bi kważi 25 sekonda wara 3 xhur oħra ta' kura b'doża mgħaġġla ta' 7.5 mg darbtejn kuljum. F'dan l-istudju, il-benefiċċji ta' ivabradine kontra l-angina u kontra l-iskemija ġew ikkonfermati f'pazjenti ta' 65 sena jew iżjed. L-effikaċja ta' dożi ta' 5 mg u 7.5 mg darbtejn kuljum kienet konsistenti fi studji fuq il-parametri tat-test ta' eżerċizzju fiżiku (tul totali ta' ħin ta' eżerċizzju fiżiku, ħin għal-limitazzjoni tal-angina, ħin ta' bidu ta' angina, ħin ta' dipressjoni ta' 1mm fil-parti ST) u kien assoċjat ma' tnaqqis ta' madwar 70% fir-rata tal-attakki tal-angina. Id-doża ta' darbtejn kuljum ta' ivabradine tat effikaċja konsistenti tul 24 siegħa.

Fi studju kkontrollat bi plaċebo randomizzat li nvolva 889 pazjent, ivabradine, meta mogħti flimkien ma' atenolol 50 mg o.d. wera effikaċja addizzjonali fuq il-parametri ETT kollha fl-inqas punt tal-attività tal-mediċina (12-il siegħa wara t-teħid mill-ħalq).

Fi studji kliniċi randomised kontrollati bil-plaċebo fuq 725 pazjenti ivabradine ma kellux effikaċja aktar minn amlodipine 10 mg o.d. fl-attività tal-mediċina fl-inqas ħin (12-il siegħa wara li jittieħed mill-ħalq) waqt li kien hemm aktar effikaċja fl-aqwa ħin (3-4 sigħat wara li jittieħed mill-ħalq).

Fi studju randomizzat kkontrollat bi plaċebo li involva 1,277 pazjent, ivabradine wera effikaċja addizzjonali statistikament sinifikanti fuq ir-rispons għall-kura (definit b'ħala tnaqqis ta' mill-inqas 3 attakki ta' angina fil-ġimgħa u/jew żieda fil-ħin sa dipressjoni tas-segment ST ta' 1 mm ta' mill-inqas 60 sekonda matul ETT fuq treadmill) flimkien ma' amlodipine 5 mg o.d. jew nifedipine GITS 30 mg o.d. fl-inqas punt tal-attività tal-mediċina (12-il siegħa wara it-teħid ta' ivabradine mill-ħalq) fuq perijodu ta' kura ta' 6 ġimgħat (OR = 1.3, 95 % CI [1.0-1.7]; p = 0.012). Ivabradine ma weriex effikaċja addizzjonali fuq punti ta' tmiem sekondarji ta' parametri ETT fl-inqas punt tal-attività tal-mediċina waqt li kien hemm iktar effikaċja fl-aqwa punt (3-4 sigħat wara t-teħid mill-ħalq ta' ivabradine).

L-effikaċja ta' ivabradine baqgħet tinżamm matul il-perijodi ta' 3 jew 4 xhur ta' kura waqt il-provi tal-effikaċja. Ma kienx hemm evidenza li kien hemm tolleranza farmakoloġika (nuqqas ta' effikaċja) li żviluppat waqt il-kura u lanqas ta' fenomeni li reġgħu deħru b'aktar qawwa meta l-kura ġiet imwaqqfa f'daqqa waħda. L-effetti kontra l-angina u kontra l-iskemija ta' ivabradine kellhom x'jaqsmu mat-tnaqqis fir-rata tat-taħbit tal-qalb marbut mad-doża bi tnaqqis sinifikanti fil-valur tal-multiplikazzjonijiet tar-rata mal-pressjoni (rata ta' taħbit tal-qalb x pressjoni sistolika) waqt il-mistrieħ u waqt eżerċizzju fiżiku. L-effetti fuq il-pressjoni u fuq resistenza periferali vaskulari kienu minimi u klinikament mhux sinifikanti.

Tnaqqis sostnut fir-rata tat-taħbit tal-qalb deher f'pazjenti kkurati b'ivabradine għal ta' l-inqas sena (n = 713). Ma għe osservat ebda effett fuq il-metaboliżmu tal-glucose jew tal-lipidi.

L-effikaċja ta' ivabradine kontra l-angina u kontra l-iskemija nżammet f'pazjenti diabetiċi (n = 457) bl-istess profil ta' sigurtà meta mqabbla mal-popolazzjoni iġġenerali.

Studju b'riżultat kbir, BEAUTIFUL, twettaq fost 10,917-il pazjent b'mard tal-arterja koronarja u b'disfunzjoni ventrikulari tax-xellug (LVEF < 40%) b'mod addizzjonali għal terapija ta' sfond ottimali bi 86.9% tal-pazjenti jirċievu beta-blockers. Il-kriterju ewlieni tal-effikaċja kien jew mewta

kardjovaskulari, rikoveru l-isptar għal MI akuta jew rikoveru l-isptar għall-feġġa ġdida jew aggravar ta' insuffiċjenza tal-qalb. L-istudju ma wera ebda differenza fir-rata tar-riżultat kompost primarju fil-grupp tal-ivabradine meta mqabbel mal-grupp tal-plaċebo (riskju relattiv ivabradine:plaċebo 1.00, $p=0.945$).

F'subgrupp post-hoc ta' pazjenti b'angina sintomatika f'randomizzazzjoni ($n=1,507$), ma ġie identifikat ebda sinjal ta' sigurtà fir-rigward ta' mewta kardjovaskulari, rikoveru l-isptar għal MI akuta jew insuffiċjenza tal-qalb (ivabradine 12.0% kontra plaċebo 15.5%, $p=0.05$).

Sar studju kbir tar-riżultati, SIGNIFY, f'19,102 pazjenti b'mard tal-arterja koronarja u klinikament mingħajr insuffiċjenza tal-qalb ($LVEF > 40\%$), flimkien ma' terapija ta' sfond ottimali. Intużat skema terapewtika oġhla mill-pożoloġija approvata (doża tal-bidu ta' 7.5 mg b.i.d (5 mg b.i.d, jekk l-età kienet ≥ 75 sena) u titrazzjoni sa 10 mg b.i.d). Il-kriterju ewlieni tal-effikaċja kien il-kompost ta' mewta kardjovaskulari jew MI mhux fatali. L-istudju ma wera ebda differenza fir-rata tal-punt ta' tmiem kompost primarju (PCE) fil-grupp ta' ivabradine meta mqabbel mal-grupp tal-plaċebo (riskju relattiv ta' ivabradine/plaċebo 1.08, $p=0.197$). Ġiet irrapportata bradikardija minn 17.9% tal-pazjenti fil-grupp ta' ivabradine (2.1% fil-grupp tal-plaċebo). 7.1% tal-pazjenti ngħataw verapamil, diltiazem jew inibituri qawwija ta' CYP 3A4 waqt l-istudju.

Ġiet osservata żieda statistikament sinifikanti żgħira fil-PCE f'sottogrupp ta' pazjenti speċifikat minn qabel b'angina fil-klassi CCS II jew oġhla fil-linja bażi ($n=12,049$) (rati annwali 3.4% meta mqabbel ma' 2.9%, riskju relattiv ta' ivabradine/plaċebo 1.18, $p=0.018$), iżda mhux fis-sottogrupp tal-popolazzjoni globali tal-angina fil-klassi CCS $\geq I$ ($n=14,286$) (riskju relattiv ta' ivabradine/plaċebo 1.11, $p=0.110$).

Id-doża oġhla milli approvata użata fl-istudju ma tispjegax b'mod sħiħ dawn is-sejbiet.

L-istudju SHIFT kien studju double-blind, multiċentri, internazzjonali, randomizzat, ikkontrollat bi plaċebo, kbir tar-riżultati li sar fuq 6,505 pazjent adult bi CHF kronika stabbli (għal ≥ 4 ġimġat), NYHA tal-klassi II sa IV, fi frazzjoni mnaqqsa tat-tfiġ mill-ventrikolu tax-xellug ($LVEF \leq 35\%$) u rata tal-qalb waqt il-mistrieħ ta' ≥ 70 bpm.

Il-pazjenti rċewew kura standard li kienet tinkludi imblokkaturi tar-riċetturi beta (89 %), inibituri ACE u/jew antagonisti ta' angiotensin II (91 %), dijuretiċi (83 %), u sustanzi kontra l-aldosterone (60 %). Fil-grupp li ngħata ivabradine, 67% tal-pazjenti ngħataw 7.5 mg darbtejn kuljum. Il-perijodu ta' segwitu medjan kien 22.9 xhur. Il-kura b'ivabradine kienet assoċjata ma' tnaqqis medju fir-rata tal-qalb ta' 15 bpm mill-valur tal-linja bażi ta' 80 bpm. Id-differenza fir-rata tal-qalb bejn il-fergħat ta' ivabradine u plaċebo kienet ta' 10.8 bpm wara 28 jum, 9.1 bpm wara 12-il xahar u 8.3 bpm wara 24 xahar.

L-istudju wera tnaqqis relattiv fir-riskju klinikament u statistikament sinifikanti ta' 18% fir-rata tal-endpoint kompost primarju tal-mortalità kardjovaskulari u rikoveru l-isptar għal taħżin fl-insuffiċjenza tal-qalb (proporzjon tal-periklu: 0.82, 95%CI [0.75;0.90] – $p<0.0001$) li deher fi żmien 3 xhur mill-bidu tal-kura. It-tnaqqis assolut fir-riskju kien ta' 4.2%. Ir-riżultati fuq l-endpoint primarju huma determinati prinċipalment mill-endpoints għall-insuffiċjenza tal-qalb, ir-rikoveru l-isptar għal taħżin fl-insuffiċjenza tal-qalb (riskju assolut imnaqqas b'4.7 %) u l-imwiet minn insuffiċjenza tal-qalb (riskju assolut imnaqqas b'1.1 %).

Effett tal-kura fuq l-endpoint kompost primarju, il-komponenti tiegħu u l-endpoints sekondarji

	Ivabradine (N=3,241) n (%)	Plaċebo (N=3,264) n (%)	Proporzjon ta' periklu [95% CI]	valur-p
Endpoint kompost primarju	793 (24.47)	937 (28.71)	0.82 [0.75; 0.90]	<0.0001
Komponenti tal-kompost: - mewt kardjovaskulari - Rikoveru l-isptar għal taħżin fl-insuffiċjenza tal-qalb	449 (13.85) 514 (15.86)	491 (15.04) 672 (20.59)	0.91 [0.80; 1.03] 0.74 [0.66; 0.83]	0.128 <0.0001
Endpoints sekondarji oħra: - Mewt mill-kawżi kollha - Mewt minn insuffiċjenza tal-qalb - Rikoveru l-isptar għal kwalunkwe kawża - Rikoveru l-isptar għal raġuni kardjovaskulari	503 (15.52) 113 (3.49) 1,231 (37.98) 977 (30.15)	552 (16.91) 151 (4.63) 1,356 (41.54) 1,122 (34.38)	0.90 [0.80; 1.02] 0.74 [0.58;0.94] 0.89 [0.82;0.96] 0.85 [0.78; 0.92]	0.092 0.014 0.003 0.0002

It-tnaqqis fl-endpoint primarju kien osservat b'mod konsistenti irrispettivament mis-sess tal-persuna, il-klassi ta' NYHA, l-etjoloġija ta' insuffiċjenza iskemika jew mhux iskemika tal-qalb u mill-istorja ta' dijabete jew pressjoni għolja fl-isfond.

Fis-sottogrupp ta' pazjenti b'HR ta' ≥ 75 bpm (n=4,150), ġie osservat tnaqqis ikbar fl-endpoint kompost primarju ta' 24 % (proporzjon tal-periklu: 0.76, 95%CI [0.68;0.85] – $p<0.0001$) u għal endpoints sekondarji oħrajn, inkluż il-mewt mill-kawżi kollha (proporzjon tal-periklu: 0.83, 95%CI [0.72;0.96] – $p=0.0109$) u l-mewt kardjovaskulari (proporzjon tal-periklu: 0.83, 95%CI [0.71;0.97] – $p=0.0166$). F'dan is-sottogrupp ta' pazjenti, il-profil tas-sigurtà ta' ivabradine jaqbel ma' dak tal-popolazzjoni ġenerali.

Ġie osservat effett sinifikanti fuq l-endpoint kompost primarju fil-grupp ġenerali ta' pazjenti li jirċievu terapija b'beta blocker (proporzjon ta' periklu: 0.85, 95%CI [0.76;0.94]). Fis-subgrupp ta' pazjenti b'HR ≥ 75 bpm u fuq id-doża fil-mira rakkomandata ta' beta-blocker, ma ġie osservat ebda benefiċċju statistikament sinifikanti fuq l-endpoint kompost primarju (proporzjon ta' periklu: 0.97, 95%CI [0.74;1.28]) u endpoints sekondarji oħrajn, inkluż rikoveru l-isptar għal aggravar ta' kollass tal-qalb (proporzjon ta' periklu: 0.79, 95% CI [0.56;1.10]) jew mewt minn kollass tal-qalb (proporzjon ta' periklu: 0.69, 95% CI [0.31;1.53]).

Kien hemm titjib sinifikanti fil-klassi tan-NYHA fl-aħħar valur irregiſtrat, 887 (28%) tal-pazjenti fuq ivabradine tjiebu kontra 776 (24%) tal-pazjenti li ħadu plaċebo ($p=0.001$).

Fi studju randomizzat, ta' 97 pazjent, ikkontrollat bi plaċebo, id-dejta miġbura waqt investigazzjonijiet oftalmoloġiċi speċifiċi, bil-għan li jiġu ddokumentati kemm il-funzjoni ta' sistemi ta' koni u vireg kif ukoll il-passaġġ viżwali axxendentali (eż. elettroretinogramma, kampi viżivi statiċi u kinetiċi, viżjoni tal-kuluri, ċarezza tal-viżta), f'pazjenti kkurati b'ivabradine għal angina pectoris kronika stabbli fuq 3 snin, ma urietx xi effett tossiku retinali.

Popolazzjoni pedjatrika

Sar studju randomizzat, double blind, ikkontrollat bi plaċebo f'116-il pazjent pedjatriku (17 li għandhom [6-12[-il xahar, 36 li għandhom [1-3[snin u 63 li għandhom [3-18[snin) b'CHF jew b'kardjomijopatiya dilatata (DCM) flimkien ma' kura ta' sfond ottimali. 74 ingħataw ivabradine (proporzjon 2:1).

Id-doża tal-bidu kienet 0.02 mg/kg darbtejn kuljum fis-sottogrupp bejn [6-12[-il xahar, 0.05 mg/kg darbtejn kuljum f'età bejn [1-3[snin u f'età bejn [3-18[-il sena <40 kg, u 2.5 mg darbtejn kuljum f'età bejn [3-18[-il sena u ≥ 40 kg. Id-doża ġiet adattata skont ir-rispons terapewtiku b'dożi massimi ta' 0.2 mg/kg darbtejn kuljum, 0.3 mg/kg darbtejn kuljum u 15 mg darbtejn kuljum rispettivament. F'dan l-istudju, ivabradine ngħata bħala formulazzjoni likwida orali jew pillola darbtejn kuljum. In-nuqqas

ta' differenza farmakokinetika bejn iż-żewġ formulazzjonijiet intwera fi studju cross-over, b'żewġ perijodi, randomizzati, b'tikketta mikxufa f'24 voluntier adult b'saħħtu. Inkiseb naqqis ta' 20% fir-rata ta' taħbit tal-qalb, mingħajr bradikardija, f'69.9% tal-pazjenti fil-grupp ta' ivabradine meta mqabbel ma' 12.2% fil-grupp tal-plaċebo matul il-perijodu ta' titrazzjoni ta' 2 sa 8 ġimgħat (Proporzjon ta' Probabbiltà: $E = 17.24$, 95% CI [5.91 ; 50.30]). Id-dożi medji ta' ivabradine li jippermettu li jintlaħaq HRR ta' 20% kienu 0.13 ± 0.04 mg/kg darbtejn kuljum, 0.10 ± 0.04 mg/kg darbtejn kuljum u 4.1 ± 2.2 mg darbtejn kuljum fis-subsettijiet ta' età ta' [1-3[snin, [3-18[-il sena u <40 kg u [3-18[-il sena u ≥ 40 kg, rispettivament. L-LVEF medju żdied minn 31.8% għal 45.3% fil-M012 fil-grupp ta' ivabradine meta mqabbel ma' 35.4% għal 42.3% fil-grupp tal-plaċebo. Kien hemm titjib fil-klassi NYHA f'37.7% tal-pazjenti li jieħdu ivabradine meta mqabbel ma' 25.0% fil-grupp tal-plaċebo. Dan it-titjib ma kienx statistikament sinifikanti. Il-profil tas-sigurtà, fuq sena, kien simili għal dak deskritt fil-pazjenti CHF adulti.

L-effetti fit-tul ta' ivabradine fuq it-tekabbir, il-pubertà u l-iżvilupp ġenerali kif ukoll l-effikaċja fit-tul tat-terapija b'ivabradine fit-tfulija biex titnaqqas il-morbidità u l-mortalità kardjovaskulari ma ġewx studjati.

L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini irrinunzjat għall-obbligu li jiġu ppreżentati r-riżultati tal-istudji b'ivabradine f'kull sett tal-popolazzjoni pedjatrika għall-kura ta' angina pectoris. L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini irrinunzjat għall-obbligu li jiġu ppreżentati r-riżultati tal-istudji b'ivabradine fit-tfal li għadhom jitwiendu u li għandhom inqas minn 6 xhur għall-kura ta' insuffiċjenza kardjaka kronika.

5.2 Tagħrif farmakokinetiku

F'kundizzjonijiet fiżjoloġiċi, ivabradine jintreħa malajr mill-pilloli u jinħall mill-ewwel fl-ilma (> 10 mg/mL). Ivabradine huwa S-enantiomer u ma wera l-ebda biokonverżjoni *in vivo*. Id-derivattiv N-desmethylated ta' ivabradine ġie identifikat bħala s-sustanza attiva maġġura ffurmata fil-metaboliżmu fil-bniedem.

Assorbiment u bijodisponibilità

Ivabradine jiġi assorbit malajr u kważi kollu wara li jittieħed mill-ħalq u jilħaq l-ogħla livell tal-plażma f'madwar 1 siegħa meta l-pazjent ikun sajjem. Il-biodisponibilità totali tal-pilloli miksija b'rita hi ta' madwar 40% minħabba l-effett li jgħaddi mill-ewwel mill-istonku u mill-fwied. L-ikel jittardja l-assorbiment b'xi siegħa, u l-esponiment fil-plażma jiżdied b'20%-30%. Hu aħjar li l-pilloli jittieħdu ma' l-ikel biex b'hekk tonqos il-varjabilità intra-individwali fil-kxif (ara sezzjoni 4.2).

Distribuzzjoni

Ivabradine huwa bejn wieħed u ieħor 70% marbut mal-proteġina tal-plażma u l-volum ta' distribuzzjoni fiss huwa viċin ta' 100 l f'pazjenti. L-ogħla konċentrazzjoni fil-plażma meta jingħata fit-tul f'doża rakkomandata ta' 5 mg darbtejn kuljum hija ta' 22 ng/mL (CV = 29%). Il-medja ta' konċentrazzjoni fil-plażma fissa hija ta' 10 ng/mL (CV = 38%).

Bijotrasformazzjoni

Ivabradine jiġi metabolizzat b'mod estensiv mill-fwied u mill-istonku permezz ta' ossidazzjoni biċ-ċitokromu P450 3A4 (CYP3A4) biss. Is-sustanza attiva prinċipali ffurmata fil-metaboliżmu hi d-derivattiv N-desmethylated (S18982) ma' kxif ta' madwar 40% tal-prodott mediċinali oriġinali. Il-metaboliżmu ta' din is-sustanza attiva ffurmata fil-metaboliżmu wkoll tinvolvi CYP3A4. Ivabradine għandu affinità baxxa għal CYP3A4, m'għandux induzzjoni u lanqas impedizzjoni klinikament relevanti ta' CYP3A4 u għalhekk mhux mistenni li jbidel il-livell ta' sustanza li tiġi metabolizzata minn CYP3A4 jew il-konċentrazzjonijiet fil-plażma. Bil-maqlub impedituri u mediċini li jġiegħlu iċ-CYP3A4 jaħdem iżjed qawwi jistgħu jaffettwaw sostanzjalment il-konċentrazzjonijiet tal-plażma ta' ivabradine (ara sezzjoni 4.5).

Eliminazzjoni

Ivabradine jitneħħa b'*half-life* prinċipali ta' sagħtejn (70-75% ta' l-AUC) fil-plażma u *half-life* effettiva ta' 11-il siegħa. It-tneħħija totali hija ta' madwar 400 mL/min u t-tneħħija renali hija ta' madwar 70 mL/min. L-eliminazzjoni tas-sustanzi metabolizzati ssir bl-istess ammont via l-ippurgar u l-awrina. Madwar 4% tad-doża meħuda mill-ħalq titneħħa mingħajr ma tinbidel fl-awrina.

Linearità/nuqqas ta' linearità

Il-kinetika ta' ivabradine hija lineari fuq medda ta' doża mill-ħalq ta' 0.5-24 mg.

Popolazzjonijiet speċjali

- Anzjani

Ma kienx hemm differenza farmakokinetika (AUC u C_{max}) bejn anzjani (≥ 65 sena) jew anzjani ħafna (≥ 75 sena) u l-popolazzjoni inġenerali (ara sezzjoni 4.2).

- Indeboliment renali

L-impatt ta' indeboliment renali (tneħħija tal-krejinina minn 15 sa 60 mL/min) fuq il-farmakokinetika ta' ivabradine huwa minimu, meta mqabbel mal-kontribut baxx ta' tneħħija renali (madwar 20%) ta' l-eliminazzjoni totali kemm ta' ivabradine kif ukoll tas-sustanza prinċipali tagħha fil-metaboliżmu S18982 (ara sezzjoni 4.2).

- Indeboliment tal-fwied

F'pazjenti b'indeboliment ħafif tal-fwied (Child Pugh sa 7 punti) l-AUC ta' ivabradine maħlul u l-prodott attiv tal-metaboliżmu prinċipali kienu madwar 20% ogħla milli f'pazjenti fejn il-fwied kien jaħdem normali. Mhemmx informazzjoni biżżejjed għal tagħrif fuq pazjenti b'indeboliment moderat tal-fwied. Mhemmx informazzjoni biżżejjed dwar pazjenti b'indeboliment sever tal-fwied (ara sezzjoni 4.2 u 4.3).

- Popolazzjoni pedjatrika

Il-profil farmakokinetiku ta' ivabradine f'pazjenti b'insuffiċjenza kardijaka kronika fit-tfal li għandhom bejn 6 xhur u inqas minn 18-il sena huwa simili għall-farmakokinetika deskritta fl-adulti meta tiġi applikata skema ta' titrazzjoni bbażata fuq l-età u l-piż.

Ir-relazzjoni farmakokinetika/farmakodinamika (PK/PD)

Analiżi ta' relazzjoni PK/PD wriet li r-rata tat-taħbit tal-qalb tonqos b'mod kważi lineari meta tiżdied il-konċentrazzjoni fil-plażma, ta' ivabradine u ta' S18982 għal dożi sa 15-20 mg darbtejn kuljum. F'dożi ogħla, it-tnaqqis fir-rata tat-taħbit tal-qalb mhuwiex iktar proporzjonali għal konċentrazzjonijiet fil-plażma ta' ivabradine u hemm tendenza li jilħaq livell ta' plateau. Esponiment qawwi fil-bniedem għal ivabradine li jista' jseħħ meta ivabradine jingħata flimkien ma' impedituri qawwija ta' CYP3A4 jista' jwassal għal tnaqqis eċċessiv fir-rata tat-taħbit tal-qalb għalkemm ir-riskju jonqos b'impedituri moderati ta' CYP3A4 (ara sezzjonijiet 4.3, 4.4 u 4.5). Ir-relazzjoni PK/PD ta' ivabradine f'pazjenti b'insuffiċjenza kardijaka kronika pedjatrika li għandhom bejn 6 xhur u inqas minn 18-il sena hija simili għar-relazzjoni PK/PD deskritta fl-adulti.

5.3 Tagħrif ta' qabel l-użu kliniku dwar is-sigurtà

Tagħrif mhux kliniku ibbażat fuq studji konvenzjonali ta' sigurtà farmakoloġika, effett tossiku minn dożi ripetuti, effett tossiku fuq il-ġeni, riskju ta' kanċer. Studji ta' l-effett tossiku fuq is-sistema riproduttiva wrew li ivabradine ma għandu l-ebda effett fuq il-fertilità ta' firien maskili u femminili. Meta annimali tqal ġew ikkurati waqt l-iżvilupp tal-organi għal-esponimenti viċin id-dożi terapewtiċi, kien hemm inċidenza ikbar ta' feti b'difetti tal-qalb fil-firien u numru żgħir ta' feti b'ektrodaktilja fil-fniek.

Fi klieb li ngħataw ivabradine (dożi ta' 2, 7 jew 24 mg/kg/jum) għal sena, ġie osservat tibdil riversibbli fil-funzjoni retinali iżda ma kellu x'jaqsam ma' ebda bidla fl-istrutturi ta' l-għajnejn. Din l-informazzjoni hija konsistenti mal-effett farmakoloġiku ta' ivabradine relatat ma' l-interazzjoni tiegħu ma' iperpolarizzazzjoni-attivata tal-kurrenti I_h fir-retina, li jaqsmu omoloġija estensiva ma' kurrent I_f tal-pacemaker tal-qalb.

Studji kliniċi fit-tul tad-doża ripetuta u tal-karċinoġenità ma kixfu l-ebda tibdil klinikament rilevanti.

Valutazzjoni tar-riskju ambjentali (ERA)

L-istima tar-riskju ambjentali ta' ivabradine twettqet skont il-linji gwida Ewropej għal ERA.

Ir-riżultati ta' dawn l-evalwazzjonijiet jappoġġjaw in-nuqqas ta' riskju ambjentali ta' ivabradine u ivabradine ma huwiex ta' theddida għall-ambjent.

6. TAGĦRIF FARMAĊEWTIKU

6.1 Lista ta' eċċipjenti

Qalba tal-pillola

Lactose monohydrate

Magnesium stearate (E 470 B)

Maize starch

Maltodextrin

Silica, colloidal anhydrous (E 551)

Il-kisja b'rita

Hypromellose (E 464)

Titanium dioxide (E171)

Macrogol 6000

Glycerol (E 422)

Magnesium stearate (E 470 B)

Iron oxide isfar (E 172)

Iron oxide aħmar (E 172)

6.2 Inkompatibbiltajiet

Mhux applikabbli.

6.3 Żmien kemm idum tajjeb il-prodott mediċinali

3 snin.

6.4 Prekawzjonijiet speċjali għall-ħażna

Din il-mediċina m'għandhiex bżonn ħażna speċjali.

6.5 In-natura tal-kontenitur u ta' dak li hemm ġo fih

Folji ta' Aluminium/PVC ippakkjati f'kaxxi tal-kartun.

Id-daqs tal-pakkett

Pakketti bil-ġranet li fihom 14, 28, 56, 84, 98, 100 jew 112 pilloli miksija b'rita.

Jista' jkun li mhux il-pakketti tad-daqsijiet kollha jkunu fis-suq.

6.6 Prekawzjonijiet speċjali għar-rimi u għal immaniġġar ieħor

Kull fdal tal-prodott mediċinali li ma jkunx intuża jew skart li jibqa' wara l-użu tal-prodott għandu jintrema kif jitolbu l-liġijiet lokali.

7. DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

ANPHARM Przedsiębiorstwo Farmaceutyczne S.A.
ul. Annopol 6B
03-236 Warszawa
Il-Polonja

8. NUMRU(I) TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

Ivabradine Anpharm 5 mg pilloli miksija b'rita

EU/1/15/1041/001-007

Ivabradine Anpharm 7.5 mg pilloli miksija b'rita

EU/1/15/1041/008-014

9. DATA TAL-EWWEL AWTORIZZAZZJONI/TIĠDID TAL-AWTORIZZAZZJONI

Data tal-ewwel awtorizzazzjoni: 08 ta' Settembru 2015
Data tal-aħħar tiġdid:

10. DATA TA' REVIŻJONI TAT-TEST

Informazzjoni dettaljata dwar dan il-prodott mediċinali tinsab fuq is-sit elettroniku tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini <http://www.ema.europa.eu>

ANNESS II

- A. MANIFATTURI RESPONSABBLI GĦALL-ĦRUĠ TAL-LOTT**
- B. KONDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET RIGWARD IL-PROVVISTA U L-UŻU**
- C. KONDIZZJONIJIET U REKWIŻITI OĦRA TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**
- D. KONDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET FIR-RIGWARD TAL-UŻU SIGUR U EFFETTIV TAL-PRODOTT MEDIĊINALI**

A. MANIFATTURI RESPONSABBLI GĦALL-ĦRUĠ TAL-LOTT

Isem u indirizz tal-manifatturi responsabbli għall-ħruġ tal-lott

Les Laboratoires Servier Industrie, 905, route de Saran - 45520 Gidy, Franza
Servier (Ireland) Industries Ltd, Gorey Road – Arklow – Co. Wicklow, L-Irlanda
Przedsiębiorstwo Farmaceutyczne ANPHARM S.A., ul. Annopol 6B – 03-236 Warszawa, Il-Polonja
Laboratorios Servier, S.L, Avda. de los Madroños, 33 -28043 Madrid, Spanja

Fuq il-fuljett ta' tagħrif tal-prodott mediċinali għandu jkun hemm l-isem u l-indirizz tal-manifattur responsabbli għall-ħruġ tal-lott ikkonċernat.

B. KONDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET RIGWARD IL-PROVVISTA U L-UŻU

Prodott mediċinali li jingħata bir-riċetta tat-tabib.

C. KONDIZZJONIJIET U REKWIŻITI OĦRA TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

- **Rapporti perjodiċi aġġornati dwar is-sigurtà (PSURs)**

Ir-rekwiżiti biex jiġu ppreżentati PSURs għal dan il-prodott mediċinali huma mniżżla fil-lista tad-dati ta' referenza tal-Unjoni (lista EURD) prevista skont l-Artikolu 107c(7) tad-Direttiva 2001/83/KE u kwalunkwe aġġornament sussegwenti ppubblikat fuq il-portal elettroniku Ewropew tal-mediċini.

D. KONDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET FIR-RIGWARD TAL-UŻU SIGUR U EFFETTIV TAL-PRODOTT MEDIĊINALI

- **Pjan tal-ġestjoni tar-riskju (RMP)**

Id-detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq (MAH) għandu jwettaq l-attivitajiet u l-interventi meħtieġa ta' farmakoviġilanza dettaljati fl-RMP maqbul ippreżentat fil-Modulu 1.8.2 tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq u kwalunkwe aġġornament sussegwenti maqbul tal-RMP.

RMP aġġornat għandu jiġi ppreżentat:

- Meta l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini titlob din l-informazzjoni;
- Kull meta s-sistema tal-ġestjoni tar-riskju tiġi modifikata speċjalment minħabba li tasal informazzjoni ġdida li tista' twassal għal bidla sinifikanti fil-profil bejn il-benefiċċju u r-riskju jew minħabba li jintlaħaq għan importanti (farmakoviġilanza jew minimizzazzjoni tar-riskji).

ANNESS III

TIKKETTAR U FULJETT TA' TAGĦRIF

A. TIKKETTAR

TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA**KARTUNA****1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI**

Ivabradine Anpharm 5 mg pilloli miksija b'rita
ivabradine

2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA(I) ATTIVA(I)

Kull pillola miksija b'rita fiha 5 mg ivabradine (bħala hydrochloride)

3. LISTA TA' EĊĊIPJENTI

Fiha lactose monohydrate.

Aqra l-fuljett ta' tagħrif għal aktar informazzjoni.

4. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA U KONTENUT

14-il pillola miksija b'rita

28 pillola miksija b'rita

56 pillola miksija b'rita

84 pillola miksija b'rita

98 pillola miksija b'rita

100 pillola miksija b'rita

112-il pillola miksija b'rita

5. MOD TA' KIF U MNEJN JINGĦATA

Aqra l-fuljett ta' tagħrif qabel l-użu.

Użu orali.

6. TWISSIJA SPEĊJALI LI L-PRODOTT MEDIĊINALI GĦANDU JINŻAMM FEJN MA JIDHIRX U MA JINTLAĦAQX MIT-TFAL

Żomm fejn ma jidhirx u ma jintlaħaqx mit-tfal.

7. TWISSIJA(IET) SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠA**8. DATA TA' SKADENZA**

EXP

9. KONDIZZJONIJIET SPEĊJALI TA' KIF JINĦAŻEN

10. PREKAWZZJONIJIET SPEĊJALI GĦAR-RIMI TA' PRODOTTI MEDIĊINALI MHUX UŻATI JEW SKART MINN DAWN IL-PRODOTTI MEDIĊINALI, JEKK HEMM BŻONN

11. ISEM U INDIRIZZ TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

ANPHARM Przedsiębiorstwo Farmaceutyczne S.A.
ul. Annopol 6B
03-236 Warszawa
Il-Polonja

12. NUMRU(I) TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

EU/1/15/1041/001
EU/1/15/1041/002
EU/1/15/1041/003
EU/1/15/1041/004
EU/1/15/1041/005
EU/1/15/1041/006
EU/1/15/1041/007

13. NUMRU TAL-LOTT

Lott

14. KLASSIFIKAZZJONI ĠENERALI TA' KIF JINGĦATA

15. ISTRUZZJONIJIET DWAR L-UŻU

16. INFORMAZZJONI BIL-BRAILLE

Ivabradine Anpharm 5 mg

17. IDENTIFIKATUR UNIKU – BARCODE 2D

barcode 2D li jkollu l-identifikatur uniku inkluż.

18. IDENTIFIKATUR UNIKU - DATA LI TINQARA MILL-BNIEDEM

PC
SN
NN

TAGĦRIF MINIMU LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-FOLJI JEW FUQ L-ISTRIXXI

FOLJA

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI

Ivabradine Anpharm 5 mg pilloli miksija b'rita
ivabradine

2. ISEM TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

ANPHARM Przedsiębiorstwo Farmaceutyczne S.A.

3. DATA TA' SKADENZA

EXP

4. NUMRU TAL-LOTT

Lott

5. OĦRAJN

It-Tnejn
It-Tlieta
L-Erbgħa
Il-Ħamis
Il-Ġimgħa
Is-Sibt
Il-Ħadd

TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA**KARTUNA****1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI**

Ivabradine Anpharm 7.5 mg pilloli miksija b'rita
ivabradine

2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA(I) ATTIVA(I)

Kull pillola miksija b'rita fiha 7.5 mg ivabradine (bħala hydrochloride)

3. LISTA TA' EĊĊIPJENTI

Fiha lactose monohydrate.

Aqra l-fuljett ta' tagħrif għal aktar informazzjoni.

4. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA U KONTENUT

14-il pillola miksija b'rita

28 pillola miksija b'rita

56 pillola miksija b'rita

84 pillola miksija b'rita

98 pillola miksija b'rita

100 pillola miksija b'rita

112-il pillola miksija b'rita

5. MOD TA' KIF U MNEJN JINGĦATA

Aqra l-fuljett ta' tagħrif qabel l-użu.

Użu orali.

6. TWISSIJA SPEĊJALI LI L-PRODOTT MEDIĊINALI GĦANDU JINŻAMM FEJN MA JIDHIRX U MA JINTLAĦAQX MIT-TFAL

Żomm fejn ma jidhirx u ma jintlaħaqx mit-tfal.

7. TWISSIJA(IET) SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠA**8. DATA TA' SKADENZA**

EXP

9. KONDIZZJONIJIET SPEĊJALI TA' KIF JINĦAŻEN

10. PREKAWZZJONIJIET SPEĊJALI GĦAR-RIMI TA' PRODOTTI MEDIĊINALI MHUX UŻATI JEW SKART MINN DAWN IL-PRODOTTI MEDIĊINALI, JEKK HEMM BŻONN

11. ISEM U INDIRIZZ TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

ANPHARM Przedsiębiorstwo Farmaceutyczne S.A.
ul. Annopol 6B
03-236 Warszawa
Il-Polonja

12. NUMRU(I) TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

EU/1/15/1041/008
EU/1/15/1041/009
EU/1/15/1041/010
EU/1/15/1041/011
EU/1/15/1041/012
EU/1/15/1041/013
EU/1/15/1041/014

13. NUMRU TAL-LOTT

Lott

14. KLASSIFIKAZZJONI ĠENERALI TA' KIF JINGĦATA

15. ISTRUZZJONIJIET DWAR L-UŻU

16. INFORMAZZJONI BIL-BRAILLE

Ivabradine Anpharm 7.5 mg

17. IDENTIFIKATUR UNIKU – BARCODE 2D

barcode 2D li jkollu l-identifikatur uniku inkluż.

18. IDENTIFIKATUR UNIKU - DATA LI TINQARA MILL-BNIEDEM

PC
SN
NN

TAGĦRIF MINIMU LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-FOLJI JEW FUQ L-ISTRIXXI

FOLJA

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI

Ivabradine Anpharm 7.5 mg pilloli miksija b'rita
ivabradine

2. ISEM TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

ANPHARM Przedsiębiorstwo Farmaceutyczne S.A.

3. DATA TA' SKADENZA

EXP

4. NUMRU TAL-LOTT

Lott

5. OĦRAJN

It-Tnejn
It-Tlieta
L-Erbgħa
Il-Ħamis
Il-Ġimgħa
Is-Sibt
Il-Ħadd

B. FULJETT TA' TAGĦRIF

Fuljett ta' tagħrif: informazzjoni għall-pazjent

Ivabradine Anpharm 5 mg pilloli miksija b'rita Ivabradine Anpharm 7.5 mg pilloli miksija b'rita ivabradine

Aqra sew dan il-fuljett kollu qabel tibda tiegħu din il-mediċina peress li fih informazzjoni importanti għalik.

- Żomm dan il-fuljett. Jista' jkollok bżonn terġa' taqrah.
- Jekk ikollok aktar mistoqsijiet, staqsi lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.
- Din il-mediċina għet mogħtija lilek biss. M'għandekx tgħaddiha lil persuni oħra. Tista' tagħmlilhom il-ħsara, anke jekk għandhom l-istess sinjali ta' mard bħal tiegħek.
- Jekk ikollok xi effett sekondarju kellem lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek. Dan jinkludi xi effetti sekondarju possibbli li mhuwiex elenkat f'dan il-fuljett. Ara sezzjoni 4.

F'dan il-fuljett

1. X'inhum Ivabradine Anpharm u għalxiex jintuża
2. X'għandek tkun taf qabel ma tiegħu Ivabradine Anpharm
3. Kif għandek tiegħu Ivabradine Anpharm
4. Effetti sekondarji possibbli
5. Kif taħżen Procolaran
6. Kontenut tal-pakkett u informazzjoni oħra

1. X'inhum Ivabradine Anpharm u għalxiex jintuża

Ivabradine Anpharm (ivabradine) huwa mediċina għall-mard tal-qalb li jintuża għall-kura ta':

- Angina pectoris sintomatika stabbli (li tikkaġuna uġiġ fis-sider) f'adulti li r-rata tat-taħbit tal-qalb tagħhom hija 70 taħbita jew aktar fil-minuta. Jintuża f'pazjenti adulti li ma jittollerawx jew li ma jistgħux jieħdu mediċini tal-qalb imsejnin beta-blockers. Jintuża wkoll f'kombinazzjoni ma' beta-blockers f'pazjenti adulti li l-kundizzjoni tagħhom mhijiex ikkontrollata għal kollox b'beta-blocker
- Insuffiċjenza kronika tal-qalb f'pazjenti adulti li r-rata tal-qalb tagħhom tkun 75 taħbita jew aktar fil-minuta. Jintuża flimkien ma' terapija standard, inkluż terapija beta-blocker jew meta l-imblokkaturi tar-riċetturi beta jkun kontra-indikati jew mhux tollerati.

X'inhum angina pectoris stabbli (magħrufa normalment bħala "angina")

Angina stabbli hija marda tal-qalb li tiġi meta l-qalb ma tkunx qed tiegħu ossiġinu biżżejjed. Is-sintomu l-aktar komuni ta' angina hu uġiġ fis-sider jew diqa.

Dwar l-insuffiċjenza kronika tal-qalb:

L-insuffiċjenza kronika tal-qalb hija marda tal-qalb li sseħħ meta l-qalb ma tkunx tista' tippompja biżżejjed demm lill-bqija tal-ġisem. L-iżjed sintomi komuni ta' insuffiċjenza tal-qalb huma qtugħ ta' nifs, għeja u nefħa fl-għekiesi.

Kif jaħdem Ivabradine Anpharm?

Ir-rata tal-qalb speċifika li tbaxxi l-azzjoni ta' ivabradine tgħin:

- biex tikkontrolla u tnaqqas in-numru ta' attakki ta' angina billi tbaxxi l-ħtieġa tal-qalb għall-ossiġnu,
- biex ittejjeb il-funzjonament tal-qalb u pronjożi importanti f'pazjenti b'insuffiċjenza tal-qalb kronika.

2. X'għandek tkun taf qabel ma tieħu Ivabradine Anpharm

Tiħux Ivabradine Anpharm

- jekk inti allerġiku għal ivabradine jew għal xi sustanza oħra ta' din il-mediċina (imniżżla fis-sezzjoni 6);
- jekk ir-rata tat-taħbit tal-qalb waqt il-mistrieħ hija baxxa ħafna (inqas minn 70 taħbita fil-minuta);
- jekk qed tbat minn xokk kardjoġeniku (kundizzjoni tal-qalb li tiġi ikkurata fl-isptar);
- jekk tbat minn problemi fir-ritmu tat-taħbit tal-qalb (sindromu *sick sinus*, imblokk sino-atrijali, imblokk AV tat-3 grad);
- jekk qed ikollok attakk tal-qalb;
- jekk tbat minn pressjoni baxxa ħafna;
- jekk tbat minn angina mhux stabbli (tant qawwija li l-uġiġ fis-sider ikun spiss ħafna anke meta mhemmx eżerċizzju fiżiku);
- jekk tbat minn insuffiċjenza tal-qalb li dan l-aħħar marret għall-agħar;
- jekk it-taħbita ta' qalbek hija imposta esklussivament mill-pacemaker tiegħek;
- jekk tbat minn problemi severi tal-fwied;
- jekk qed tieħu mediċini għall-kura ta' infezzjoni fungali (bħal ketoconazole, itraconazole), antibijotiċi ta' tip macrolide (bħal josamycin, clarithromycin, telithromycin jew erythromycin meħuda mill-ħalq), mediċini għall-kura ta' infezzjonijiet b'HIV (bħal nelfinavir, ritonavir) jew nefazodone (mediċina għall-kura tad-dipressjoni) jew diltiazem, verapamil (użat għall-pressjoni tad-demm għolja jew angina pectoris);
- jekk inti mara li jista' jkollha t-tfal u ma tużax kontraċettivi affidabbli;
- jekk int tqila jew qed tipprova toħroġ tqila;
- jekk qed tredda'.

Twissijiet u prekawzjonijiet

Kellem lit-tabib jew l-ispiżjar tiegħek qabel tieħu Ivabradine Anpharm:

- jekk tbat minn disturbi fir-ritmu tat-taħbit tal-qalb (bħal taħbit irregolari tal-qalb, palpitazzjonijiet, żieda fl-uġiġ fis-sider) jew fibrillazzjoni atrijsali sostnuta (tip ta' taħbita tal-qalb irregolari), jew anormalità ta' elettrokardjogramma (ECG) imsejħa 'sindromu QT imtawwal',
- jekk għandek sintomi ta' għejja, sturdament jew qtugħ ta' nifs (dan jista' jfisser li għandek il-qalb qed tħabbat bil-mod ħafna),
- jekk tbat minn sintomi ta' fibrillazzjoni atrijsali (rata tal-polz fi stat mistrieħ eċċezzjonalment għolja (aktar minn 110 taħbita fil-minuta) jew irregolari, mingħajr l-ebda raġuni evidenti, li jagħmilha diffiċli biex titkejjel,
- jekk riċentament kellek puplesija (attakk ċerebrali),
- jekk tbat ħafif għal moderat minn pressjoni baxxa,
- jekk tbat minn pressjoni tad-demm mhux ikkontrollata, speċjalment wara bidla fil-kura tiegħek kontra l-pressjoni għolja,
- jekk tbat minn insuffiċjenza severa tal-qalb jew kollass tal-qalb b'anormalità tal-ECG imsejħa 'imblokk tal-fergħa bundle',
- jekk tbat minn xi mard kroniku fir-retina tal-għajnejn,
- jekk tbat minn problemi moderati tal-fwied,
- jekk tbat minn problemi qawwija tal-kliewi,

Jekk xi ħaġa msemija hawn fuq tolqot lilek, kellem minnufih lit-tabib tiegħek qabel jew waqt li tkun qed tieħu Ivabradine Anpharm.

Tfal

Tagħtix din il-mediċina lil tfal u adoloxxenti ta' inqas minn 18-il sena. *Data* disponibbli mhix suffiċjenti f'dan il-grupp ta' età.

Mediċini oħra u Ivabradine Anpharm

Għid lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek jekk qed tieħu, ħadt dan l-aħħar jew tista' tieħu xi mediċini oħra.

Kun ċert li tgħarraf lit-tabib tiegħek jekk qed tieħu xi mediċini hawn taħt imsemmija, għax ikun hemm bżonn ta' aġġustar tad-doża ta' Ivabradine Anpharm jew li titqiegħed taħt osservazzjoni:

- fluconazole (mediċina antifungali)

- rifampicin (antibijotiku)
- barbiturates (għal min ibati biex jorqod jew għall-epilepsija)
- phenytoin (għall-epilepsija)
- *Hypericum perforatum* jew St. John's Wort (kura bil-ħxejjex għad-dipressjoni)
- mediċini li jtawwlu l-QT għall-kura ta' problemi fir-ritmu tal-qalb jew kundizzjonijiet oħra bħal:
 - quinidine, disopyramide, ibutilide, sotalol, amiodarone (għall-kura ta' problemi fir-ritmu tat-taħbit tal-qalb)
 - bepridil (kura għal angina pectoris)
 - xi mediċini għall-kura ta' ansjetà, skizofrenija jew psikożi oħra (bħal pimozone, ziprasidone, sertindole)
 - mediċini kontra l-malarja (bħal mefloquine jew halofantrine)
 - erythromycin ġol-vini (antibijotiku)
 - pentamidine (mediċina antiparassitika)
 - cisapride (għal kontra r-rifluss gastro-esofogali)
- xi tipi ta' diuretici li jistgħu jikkawżaw tnaqqis fil-livell tal-potassju, bħal furosemide, hydrochlorothiazide, indapamide (użati għall-kura ta' edema, pressjoni għolja tad-demm).

Ivabradine Anpharm ma' ikel u xorb

Evita li tieħu il-meraq tal-grejpfrut meta tkun qed tieħu Ivabradine Anpharm.

Tqala u treddigħ

Jekk inti tqila jew qed tredda', taħseb li tista' tkun tqila jew qed tippjana li jkollok tarbija, itlob il-parir tat-tabib jew tal-ispiżjar tiegħek qabel tieħu din il-mediċina.

Tiħux Ivabradine Anpharm jekk inti tqila jew qed tippjana li jkollok tarbija (ara taħt "Tiħux Ivabradine Anpharm").

Jekk int tqila u hađt Ivabradine Anpharm, għid lit-tabib tegħek.

Tiħux Ivabradine Anpharm jekk tista' tinqabad tqila ħlief jekk qed tuża miżuri ta' kontraċezzjoni affidabbli (ara "Tiħux Ivabradine Anpharm").

Tiħux Ivabradine Anpharm jekk qed tredda' (ara taħt "Tiħux Ivabradine Anpharm"). Kellem lit-tabib tiegħek jekk qed tredda' jew beħsiebek tredda' peress li t-treddigħ għandu jitwaqqaf jekk tieħu Ivabradine Anpharm.

Sewqan u tħaddim ta' magni

Ivabradine Anpharm jista' jikkawżalek fenomeni viżivi mudwali temporanji (luminożità temporanja fil-kamp viżiv, ara "Effetti Sekondarji li jista' jkollu"). Jekk jiġrilek hekk, oqgħod attent/a waqt is-sewqan jew waqt li tkun qed taħdem fuq magni fil-ħin meta jista' jkun hemm tibdil fil-qawwa tad-dawl għall-għarrieda, speċjalment meta tkun qed issuq bil-lejl.

Ivabradine Anpharm fih il-lactose

Jekk it-tabib qallek li għandek intolleranza għal xi hlewriet, għid lit-tabib tiegħek qabel tieħu din il-mediċina.

3. Kif għandek tieħu Ivabradine Anpharm

Dejjem għandek tieħu din il-mediċina skont il-parir eżatt tat-tabib tiegħek. Iċċekkja mat-tabib jew mal-ispiżjar tiegħek jekk ikollok xi dubju.

Ivabradine Anpharm irid jittieħed mal-ikel.

Ivabradine Anpharm 5 mg pillola tista' tinqasam f'dożi indaqs.

Jekk qiegħed tiġi kkurat għal angina pectoris stabbli

Id-doża tal-bidu ma għandhiex tkun iktar minn pillola waħda ta' Ivabradine Anpharm 5 mg darbtejn kuljum. Jekk għad għandek sintomi ta' angina u jekk ittollerajt id-doża darbtejn kuljum ta' 5 mg, id-doża tista' tiġi miżjuda. Id-doża ta' manteniment m'għandhiex tkun iktar minn 7.5 mg darbtejn kuljum. It-tabib tiegħek ser jordnalek id-doża korretta għalik. Id-doża li ssoltu tingħata hija pillola waħda filgħodu u pillola waħda filgħaxija. F'xi każijiet (eż. jekk għandek 75 sena jew aktar), it-tabib

tiegħek jista' jordnalek nofs id-doża, jiġifieri nofs pillola ta' 5 mg ta' Ivabradine Anpharm 5 mg (li tikkorrispondi għal 2.5 mg ta' ivabradine) filgħodu u nofs pillola ta' 5 mg filgħaxija.

Jekk qed tiġi kkurat/a għal insuffiċjenza kronika tal-qalb

Id-doża rakkomandata fil-bidu hija ta' pillola waħda ta' Ivabradine Anpharm 5 mg darbtejn kuljum u tiżdied jekk ikun hemm bżonn għal pillola 1 ta' Ivabradine Anpharm 7.5 mg darbtejn kuljum. It-tabib jagħżel id-doża tajba għalik. Normalment, id-doża tkun ta' pillola waħda filgħodu u pillola waħda filgħaxija. F'xi każijiet (eż. jekk għandek 75 sena jew aktar) it-tabib tiegħek jista' jagħtik nofs id-doża, jiġifieri nofs pillola Ivabradine Anpharm 5 mg (li hija 2.5 mg ivabradine) filgħodu u nofs pillola 5 mg filgħaxija.

Jekk tieħu Ivabradine Anpharm aktar milli suppost

B'doża kbira ta' Ivabradine Anpharm tista' tħossok b'nifsek maqtugħ jew għajjen għax il-qalb tħabbat iktar bil-mod. Jekk jiġri hekk għarraf lit-tabib tiegħek immedjat.

Jekk tinsa tieħu Ivabradine Anpharm

Jekk tinsa tieħu d-doża ta' Ivabradine Anpharm, hu d-doża normali meta jkun jerġa' jmisssek. M'għandekx tieħu doża doppja biex tpatti għal kull doża li tkun insejt tieħu. Il-ġranet stampati fuq il-folja li fiha l-pilloli jistgħu jgħinuk biex tiftakar meta ħadt l-aħħar pillola ta' Ivabradine Anpharm.

Jekk tiegħaf tieħu Ivabradine Anpharm

Minħabba li din il-kura għall-aġina jew kollass kroniku tal-qalb hija normalment għal għomrok, int għandek titkellem mat-tabib tiegħek qabel ma twaqqaf dan il-prodott mediċinali.

Jekk taħseb li l-effett ta' Ivabradine Anpharm hu qawwi ħafna jew ħafif wisq, kellem lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.

Jekk għandek aktar mistoqsijiet dwar l-użu ta' din il-mediċina, staqsi lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.

4. Effetti sekondarji possibbli

Bħal kull mediċina oħra, din il-mediċina tista' tikkawża effetti sekondarji, għalkemm ma jidhrux f'kulħadd.

L-aktar reazzjonijiet avversi komuni b'din il-mediċina huma dipendenti fuq id-doża u huma relatati mal-mod ta' azzjoni tagħha:

Komuni ħafna (jistgħu jaffettwaw aktar minn persuna 1 minn kull 10)

Fenomeni mudwali fil-viżta (mument qosra ta' żieda fil-luminożità, spiss ikkawżati minn tibdil f'daqqa fl-intensità tad-dawl). Jistgħu wkoll jiġu deskritti bħala li donnhom raġġiera, teptip ikkulurit, dekompożizzjoni tal-immaġni jew immaġnijiet multipli. Dawn ġeneralment iseħħu fi żmien l-ewwel xahrejn ta' kura u wara, dawn jistgħu iseħħu ripetutament u jgħibu waqt jew wara l-kura.

Komuni (jistgħu jaffettwaw sa persuna 1 minn kull 10)

Modifikazzjoni fil-funzjoni tal-qalb (is-sintomi huma tnaqqis fir-rata tat-taħbit tal-qalb). Dawn iseħħu partikolarment fi żmien l-ewwel xahrejn sa 3 xhur mill-bidu tal-kura

Effetti sekondarji oħrajn ġew irrapportati wkoll:

Komuni (jistgħu jaffettwaw sa persuna 1 minn kull 10)

Kontrazzjoni rapida irregolari tal-qalb (Fibrillazzjoni atriġali), perċezzjoni anormali tat-taħbit tal-qalb (bradikardija, extra sistoli ventrikulari, imblokk AV tal-1 grad (intervall tal-PQ imtawwal tal-ECG), pressjoni tad-demmh mhux ikkontrollata, uġiġ ta' ras, sturdament u viżta m'ajpra (li wieħed ma jarax ċar).

Mhux komuni (jistgħu jaffettwaw sa persuna 1 minn kull 100)

Palpitazzjoni u taħbit addizzjonali tal-qalb, tħossok ma tiflaħx (nawsja), stitikezza, dijarrea, uġiġħ ta' żaqq, sensazzjoni ta' tidwir (vertigo), diffikultà fit-teħid tan-nifs (dispneja), spażmi tal-muskoli, livelli għoljin ta' aċidu uriku fid-demmm, eċċess ta' eosinofili (tip ta' ċelloli bojod tad-demmm) u livell għoli ta' kreatinina fid-demmm (prodott ta' tkissir tal-muskoli), raxx tal-ġilda, anġjoedema (bħal nefħa fil-wiċċ, ilsien jew grizmejn, diffikultà fit-teħid tan-nifs jew biex tibra'), pressjoni tad-demmm baxxa, ħażż ħażin, sensazzjoni ta' għeja, sensazzjoni ta' dgħufija, intraċċar mhux normali tal-qalb b'ECG, vista doppja, indeboliment fil-vista.

Rari (jistgħu jaffettwaw sa persuna 1 minn kull 1,000)

Urtikarja, ħakk, ħmura tal-wiċċ, tħossok ma tiflaħx.

Rari ħafna (jistgħu jaffettwaw sa persuna 1 minn kull 10,000)

Taħbitiet irregolari tal-qalb (imblokk AV tat-2 grad, imblokk AV tat-3 grad, sindromu *sick sinus*).

Rappurtar tal-effetti sekondarji

Jekk ikollok xi effett sekondarju, kellek lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek. Dan jinkludi xi effetti sekondarji possibbli li mhuwiex elenkat f'dan il-fuljett. Tista' wkoll tirrapporta effetti sekondarji direttament permezz tas-sistema ta' rappurtar nazzjonali mniżżla f' [Appendiċi V](#). Billi tirrapporta l-effetti sekondarji tista' tgħin biex tiġi pprovduta aktar informazzjoni dwar is-sigurtà ta' din il-mediċina.

5. Kif taħżen Ivabradine Anpharm

Żomm din il-mediċina fejn ma tidhirx u ma tintlaħaqx mit-tfal.

Tużax din il-mediċina wara d-data ta' meta tiskadi li tidher fuq il-kartuna u fuq il-folja wara 'EXP'. Id-data ta' meta tiskadi tirreferi għall-aħħar ġurnata ta' dak ix-xahar.

Din il-mediċina m'għandhiex bżonn ħażna speċjali.

Tarmix mediċini mal-ilma tad-dranaġġ jew mal-iskart domestiku. Staqsi lill-ispiżjar tiegħek dwar kif għandek tarmi mediċini li m'għadekx tuża. Dawn il-miżuri jgħinu għall-protezzjoni tal-ambjent.

6. Kontenut tal-pakkett u informazzjoni oħra

X'fih Ivabradine Anpharm

- Is-sustanza attiva hi ivabradine (bħala hydrochloride)

Ivabradine Anpharm 5 mg pilloli miksija b'rita:

Kull pillola miksija b'ritafiha 5 mg ivabradine (bħala hydrochloride).

Ivabradine Anpharm 7.5 mg pilloli miksija b'rita:

Kull pillola miksija b'rita fiha 7.5 mg ivabradine (bħala hydrochloride).

- Is-sustanzi l-oħra huma:
- *qalba tal-pillola*: lactose monohydrate, magnesium stearate (E 470 B), maize starch, maltodextrin, colloidal anhydrous silica (E 551),
- *kisja b'rita*: hypromellose (E 470), titanium dioxide (E 171), macrogol (6000), glycerol (E 422), magnesium stearate (E 470B), iron oxide isfar (E 172), iron oxide aħmar (E 172).

Kif jidher Ivabradine Anpharm u l-kontenut tal-pakkett

Ivabradine Anpharm 5 mg pilloli huma pilloli miksija b'rita, kulur is-salamun, oblungi, b'sinjal imnaqqax fuq iż-żewġ naħat, imnaqqxin b'"5" fuq naħa waħda u b'"S" fuq in-naħa l-oħra.

Ivabradine Anpharm 7.5 mg pilloli huma pilloli miksija b'rita, kulur is-salamun, triangulari, imnaqqxin b'"7.5" fuq naħa waħda u b'"S" fuq in-naħa l-oħra.

Il-pilloli jiġu f'pakketti (folji tal-Aluminju/PVC) ta' 14, 28, 56, 84, 98, 100 jew 112-il pillola immarkati bil-ġranet.

Jista' jkun li mhux il-pakketti tad-daqsijiet kollha jkunu għal skop kummerċjali.

Detentur tal-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq

ANPHARM Przedsiębiorstwo Farmaceutyczne S.A.

ul. Annopol 6B

03-236 Warszawa

Il-Polonja

Manifattur

Les Laboratoires Servier Industrie

905 route de Saran

45520 Gidy

Franza

Servier (Ireland) Industries Ltd

Gorey Road

Arklow – Co. Wicklow

L-Irlanda

Przedsiębiorstwo Farmaceutyczne ANPHARM S.A.

ul. Annopol 6B – 03-236 Warszawa

Il-Polonja

Laboratorios Servier, S.L.

Avda. de los Madroños, 33

28043 Madrid

Spanja

Għal kull tagħrif dwar din il-mediċina, jekk jogħġbok ikkuntattja lir-rappreżentant lokali tad-Detentur tal-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq:

België/Belgique/Belgien

S.A. Servier Benelux N.V.

Tél/Tel: +32 (0)2 529 43 11

Lietuva

UAB "SERVIER PHARMA"

Tel: +370 (5) 2 63 86 28

България

Сервие Медикал ЕООД

Тел.: +359 2 921 57 00

Luxembourg/Luxemburg

S.A. Servier Benelux N.V.

Tél/Tel: +32 (0)2 529 43 11

Česká republika

Servier s.r.o.

Tel: +420 222 118 111

Magyarország

Servier Hungaria Kft.

Tel.: + 36 1 238 77 99

Danmark

Servier Danmark A/S

Tlf: +45 36 44 22 60

Malta

V.J. Salomone Pharma Ltd

Tel: + 356 21 22 01 74

Deutschland

Servier Deutschland GmbH

Tel: +49 (0)89 57095 01

Nederland

Servier Nederland Farma B.V.

Tel: +31 (0)71 5246700

Eesti

Servier Laboratories OÜ
Tel: +372 664 5040

Ελλάδα

ΣΕΡΒΙΕ ΕΛΛΑΣ ΦΑΡΜΑΚΕΥΤΙΚΗ ΕΠΕ
Τηλ: +30 210 939 1000

España

Laboratorios Servier S.L.
Tel: +34 91 748 96 30

France

Les Laboratoires Servier
Tél: +33 (0)1 55 72 60 00

Hrvatska

Servier Pharma, d. o. o.
Tel.: +385 (0)1 3016 222

Ireland

Servier Laboratories (Ireland) Ltd.
Tel: +353 (0)1663 8110

Ísland

Servier Laboratories
C/o Icepharma hf
Sími: +354 540 8000

Italia

Servier Italia S.p.A.
Tel: +39 (06) 669081

Κύπρος

C.A. Papaellinas Ltd.
Τηλ: +357 22741741

Latvija

SIA Servier Latvia
Tel: +371 6750 2039

Norge

Servier Danmark A/S
Tlf: +45 36 44 22 60

Österreich

Servier Austria GmbH
Tel: +43 (1) 524 39 99

Polska

Servier Polska SP. Z O.O.
Tel.: +48 (0) 22 594 90 00

Portugal

Servier Portugal, Lda
Tel: +351 21 312 20 00

România

Servier Pharma SRL
Tel: +4 021 528 52 80

Slovenija

Servier Pharma d.o.o.
Tel: +386 (0)1 563 48 11

Slovenská republika

Servier Slovensko spol. s r.o.
Tel: +421 (0) 2 5920 41 11

Suomi/Finland

Servier Finland Oy
P./Tel: +358 (0)9 279 80 80

Sverige

Servier Sverige AB
Tel: +46(8)5 225 08 00

Dan il-fuljett kien rivedut l-aħħar f'

Informazzjoni dettaljata dwar din il-mediċina tinsab fuq is-sit elettroniku tal-Aġenzija Ewropea għall-mediċini <http://www.ema.europa.eu>